IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.3.2013
COM(2013) 151 final

2013/0081 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta’ ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta’ riċerka , studju, skambju ta' studenti, taħriġ bi ħlas u bla ħlas, servizz volontarju u au pairing

[RIFORMULAZZJONI]
{SWD(2013) 77 final}
{SWD(2013) 78 final}

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet tal-proposta u l-objettivi tagħha**

L-Artikolu 79 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jinkariga l-Unjoni bil-kompitu biex tiżviluppa politika komuni dwar l-immigrazzjoni mmirata li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi ta' migrazzjoni u trattament ġust lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-Istati Membri. Din il-proposta t'hawn twieġeb għal dan il-mandat u għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020.

Ir-rapporti ta' implimentazzjoni[1] tad-Direttiva 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika[2] u d-Direttiva 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju[3], wrew għadd ta' nuqqasijiet f'dawn l-istrumenti. Dawn in-nuqqasijiet jikkonċernaw kwistjonijiet ewlenin bħalma huma l-proċeduri ta' ammissjoni, inkużi l-viżi, id-drittijiet (inklużi l-aspetti ta' mobilità) u salvagwardji proċedurali. Ir-regoli attwali mhumiex biżżejjed ċari jew li jorbtu, mhux dejjem koerenti ma' programmi ta' finanzjament tal-UE ta' dal-mument, u xi drabi jonqsu milli jindirizzaw id-diffikultajiet prattiċi li l-applikanti jiffaċċjaw. Meta magħqudin flimkien, dawn il-problemi jitfgħu dubju jekk ċittadini ta' pajjiżi terzi humiex qed jirċievu b'mod konsistenti trattament ġust taħt l-istrumenti eżistenti.

Id-Direttiva 2004/114/KE dwar l-istudenti tistabbilixxi regoli obbligatorji għall-ammissjoni ta' studenti minn pajjiżi terzi, b'opzjoni għall-Istati Membri jekk japplikawx id-Direttiva għat-tfal tal-iskola, għall-voluntiera u għall-apprentisti mhux imħallsin. Id-Direttiva 2005/71/KE dwar ir-riċerkaturi tistipula proċedura rapida għall-ammissjoni ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi li lestew ftehim ta' akkoljenza ma' organizzazzjoni tar-riċerka approvata mill-Istat Membru.

Il-ħtieġa li r-regoli attwali jitjiebu hija msaħħa mill-fatt li ċ-ċirkostanzi u l-kuntest tal-politika llum huma ħafna aktar differenti minn meta d-direttivi ġew adottati. Fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropa 2020 u l-bżonn li jiġi żgurat tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv, il-kapital uman jirrappreżenta waħda mill-riżorsi ewlenin tal-Ewropa. L-immigrazzjoni minn barra l-UE hija sors wieħed ta' nies b'ħiliet għoljin, u studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiżi terzi kif ukoll riċerkaturi, huma gruppi li b'mod partikolari huma dejjem aktar imfittxijin. It-trawwim tal-kuntatti bejn il-persuni kif ukoll tal-mobilità huma wkoll elementi importanti tal-politika esterna tal-UE, b'mod speċjali fejn għandhom x'jaqsmu l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew l-imsieħba strateġiċi tal-UE.

Din il-proposta għandha l-għan li ttejjeb id-dispożizzjonijiet dwar ir-riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, l-istudenti, l-istudenti tal-iskola, l-apprentisti mhux imħallsin u l-voluntiera, u li tapplika dispożizzjonijiet komuni għal żewġ gruppi ġodda ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi: l-apprentisti mħallsin u l-au-pairs. Il-proposta tieħu l-forma ta' Direttiva li temenda u tfassal mill-ġdid id-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE. L-objettiv ġenerali tagħha huwa li tappoġġja r-relazzjonijiet soċjali, kulturali u ekonomiċi bejn l-UE u pajjiżi terzi, tkattar it-trasferiment ta' ħiliet u għarfien kif ukoll tippromwovi l-kompetittività filwaqt

[1] COM(2011) 901 finali; COM(2011) 587 finali
[2] ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.
[3] ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.

li fl-istess ħin, tipprovdi salvagwardji li jiżguraw trattament ġust għal dawn il-gruppi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

- **Il-kuntest ġenerali**

L-UE qed tiffaċċja sfidi strutturali importanti kemm ta' natura demografika kif ukoll ekonomika. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol prattikament waqfet tikber u fil-ftit snin li ġejjin se tibda tonqos. Kemm għal raġunijiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk demografiċi x-xejriet osservati ta' tkabbir fl-impjiegi b'enfasi fuq xogħol b'ħiliet speċjalizzati se jibqgħu validi għad-deċennju li ġej. L-UE qed tiffaċċja wkoll sitwazzjoni ta' "ħtieġa urġenti għall-innovazzjoni". L-Ewropa qed tonfoq 0.8% tal-PDG inqas mill-Istati Uniti u 1.5% inqas mill-Ġappun kull sena fuq ir-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D). Eluf mill-aqwa riċerkaturi u innovaturi marru jgħixu f'pajjiżi fejn il-kundizzjonijiet huma aktar favorevoli. Għalkemm is-suq tal-UE huwa l-akbar wieħed fid-dinja, jibqa' frammentat u mhux biżżejjed favorevoli għall-innovazzjoni. L-Istrateġija Ewropa 2020 u l-inizjattiva ewlenija "Unjoni tal-Innovazzjoni" stabilixxiet l-objettiv li żżid l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni, li huwa stmat li jeħtieġu miljun impjieg ieħor ta' riċerkatur fl-Ewropa. L-immigrazzjoni minn barra l-UE hija sors wieħed ta' persuni b'ħiliet għoljin, u l-istudenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz kif ukoll ir-riċerkaturi jikkostitwixxu b'mod partikolari gruppi li huma dejjem aktar imfittxijin u li l-UE għandha bżonn li b'mod attiv tattirahom. Studenti u riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz jistgħu jikkontribwixxu potenzjalment għal grupp ta' ħaddiema kkwalifikati sewwa kif ukoll bħala kapital uman li l-UE teħtieġ biex tlaħħaq mal-isfidi msemmija hawn fuq.

L-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità (GAMM) tal-UE jistabbilixxi l-qafas globali tal-politika tal-migrazzjoni esterna tal-UE. Dan jiddefinixxi kif l-UE torganizza d-djalogu tagħha u kif itkkopera ma' pajjiżi li mhumiex membri tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u l-mobilità. Il-GAMM għandu l-għan li jikkontribwixxi fost l-oħrajn biex tintlaħaq tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari permezz tal-objettiv tagħha biex tiġi ġestita aħjar il-migrazzjoni legali u biex tkun iffavorita l-mobilità ġestita tajjeb (flimkien mal-pilastri l-oħra tiegħu li jittrattaw il-migrazzjoni irregolari, il-migrazzjoni u l-iżvilupp u l-protezzjoni internazzjonali). Partikolarment rilevanti f'dan il-kuntest huma s-Sħubijiet għall-Mobilità, li joffru oqfsa bilaterali mfasslin għall-kooperazzjoni bejn l-UE u pajjiżi magħżulin mhux tal-UE (b'mod speċjali fil-Viċinat tal-UE), potenzjalment li jkun fihom ukoll miżuri u programmi biex tiġi promossa l-mobilità tal-gruppi indirizzata f'din il-proposta għal Direttiva.

Il-possibbiltà li ċittadini ta' pajjiżi terzi jitħallew jiksbu ħiliet u għarfien permezz ta' perjodu ta' taħriġ fl-Ewropa tħeġġeġ "iċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ", u tappoġġja l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, li hija ta' benefiċċju kemm għall-pajjiżi li jibagħtu kif ukoll għal dawk li jirċievu. Il-globalizzazzjoni ġġib il-ħtieġa li jitjiebu r-relazzjonijiet bejn l-impriżi tal-UE u s-swieq barranin, filwaqt li l-movimenti tal-apprentisti u tal-au-pairs irawmu l-iżvilupp tal-kapital uman, jirriżultaw f'arrikkament reċiproku għall-migranti, għall-pajjiż tal-oriġini tagħhom u l-pajjiż ospitanti, u jtejbu l-familjarità reċiproka ta' bejn il-kulturi. Madankollu, fin-nuqqas ta' qafas legali ċar, hemm ukoll ir-riskju tal-isfruttament li huma esposti għalih b'mod partikolari l-apprentisti u l-au-pairs, bir-riskju sussegwenti ta' kompetizzjoni inġusta.

Bil-ħsieb li jitjiebu dawn il-benefiċċji u biex ikunu indirizzati dawn ir-riskji kif suppost, u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-analoġiji tal-isfidi li qed jiffaċċjaw dawn il-kategoriji ta' migranti, din il-proposta temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju, filwaqt li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-apprentisti mħallsin u għall-au-pairs, u tagħmel dispożizzjonijiet mandatorji għall-apprentisti mhux imħallsin, li attwalment huma diskrezzjonali, kif ukoll temenda d-Direttiva tal-

Kunsill 2005/71/KE dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tistabbilixxi r-regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tal-permanenza ta' studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz. Madankollu, skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/114/KE, l-Istati Membri huma liberi li jiddeċiedu, fuq bażi fakultattiva, jekk japplikawx id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex jiġu ammessi għal skopijiet ta' skambju studentsek, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju.

Il-kundizzjonijiet għall-ammissjoni ta' apprentisti mħallsinhuma wkoll indirizzati permezz tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-1994 dwar il-limitazzjonijiet għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta' impjieg fit-territorju tal-Istati Membri[4]. Din tipprovdi d-definizzjoni ġenerali ta' apprentist u l-perjodu massimu ta' permanenza.

Id-Direttiva 2005/71/KE tistipula proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.

Ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Settembru 2005[5] tipproponi miżuri biex jiġi ffaċilitat ir-rilaxx mill-Istati Membri ta' viżi għal permanenza qasira ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu qed jivvjaġġaw fil-Komunità bil-għan li jagħmlu riċerka xjentifika

Il-format ta' permess ta' residenza għal ċittadin ta' pajjiż terz huwa stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002, u huwa applikabbli għal din il-proposta.

Fir-rigward tal-au-pairs, il-Ftehim Ewropew tal-24 ta' Novembru 1969[6] imħejji mill-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kollokament tal-"au pairs", jipprovdi sett ta' regoli Ewropej. Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati Membri għadhom ma rratifikawx dan il-Ftehim.

- **Konsistenza ma' politiki u objettivi oħra tal-Unjoni**

Id-dispożizzjonijiet f'din il-proposta huma konsistenti u jappoġġjaw l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità tal-UE. Barra minn hekk, it-twaqqif ta' proċeduri komuni ta' ammissjoni u l-kisba ta' status legali għall-apprentisti u għall-au-pairs jistgħu jservu bħala salvagwardja mill-isfruttar.

Din il-proposta hija wkoll konformi ma' wieħed mill-objettivi tal-Azzjoni tal-UE dwar l-Edukazzjoni, li għandu l-iskop li jippromwovi l-Unjoni bħala ċentru dinji ta' eċċellenza fl-edukazzjoni u fir-relazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll li jikkondividi b'mod aħjar l-għarfien mal-pajjiżi tad-dinja biex jixterdu l-valuri tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt.

Il-proposta tikkonforma wkoll mal-Politika għall-Iżvilupp tal-UE, li tiffoka fuq l-eliminazzjoni tal-faqar u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tagħha dwar il-mobilità tal-apprentisti bejn l-UE u l-pajjiż ta' oriġini jippermettu d-dħul affidabbli ta' rimessi kif ukoll it-trasferiment ta' ħiliet u ta' investimenti.

Din il-proposta għandha effetti pożittivi fuq id-drittijiet fundamentali għaliex issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll tirrikonoxxi u tħares id-drittijiet tal-apprentisti mħallsin u tal-au-pairs. F'dan ir-rigward, hija konformi mad-drittijiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, b'mod speċjali mal-Artikolu 7 dwar id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, l-Artikolu 12 dwar il-libertà ta' għaqda u ta'

[4] ĠU C 274, 19.9.1996, p. 3-6.
[5] ĠU L 289, 3.11.2005, p. 23.
[6] http://conventions.coe.int/Treaty/en/Treaties/Html/068.htm

assoċjazzjoni, l-Artikolu 15(1) dwar il-libertà li wieħed jagħżel ix-xogħol u d-dritt li wieħed jaħdem, l-Artikolu 15(3) dwar kundizzjonijiet ta’ xogħol ugwali, l-Artikolu 21(2) dwar in-nondiskriminazzjoni, l-Artikolu 31 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa, l-Artikolu 34 dwar is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali u l-Artikolu 47 dwar id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali.

2. KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Saru diskussjonijiet mal-Istati Membri fi ħdan il-qafas tal-laqgħat tal-Kumitat dwar l-Immigrazzjoni u l-Asil (CIA). L-ewwel nett, dwar is-sejbiet tar-rapporti ta’ implimentazzjoni u, it-tieni, fil-kuntest tat-tħejjija ta’ din l-inizjattiva, fejn l-Istati Membri bagħtu wkoll il-kontribut bil-miktub tagħhom bi tweġiba għall-mistoqsijiet li ġew mgħoddija qabel il-laqgħa tas-CIA.

Il-partijiet interessati rilevanti kkonsultati kienu fost l-oħrajn workshops organizzati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) mal-Komunità Erasmus Mundus dwar il-viżi u dwar id-Dottorati Konġunti tal-Erasmus Mundus, workshops u diskussjonijiet ma' Pjattaformi Nazzjonali ta’ organizzazzjonijiet li jieħdu ħsieb l-iskambju taż-żgħażagħ (li jinkludu organizzazzjonijiet ta’ studenti tal-iskola u tal-volontarjat), kif ukoll workshop dwar l-opinjonijiet tal-komunità tar-riċerka f’laqgħa tal-organizzazzjonijiet prinċipali ta’ EURAXESS[7].

In-Netwerk Ewropew tal-Migrazzjoni (EMN) organizza diversi workshops dwar il-mobilità internazzjonali tal-istudenti, il-mistoqsijiet ad hoc[8] tal-EMN kif ukoll studju fuq skala kbira dwar: “*L-immigrazzjoni ta’ Studenti Internazzjonali lejn l-UE*”.[9]

Fl-1 ta’ Ġunju 2012 ġiet imnedija permezz tal-IPM[10] konsultazzjoni pubblika fuq l-internet, u waslu lura 1461 tweġiba. Maġġoranza tassew kbira tal-parteċipanti (91%) ħasbu li l-attrazzjoni tal-UE bħala destinazzjoni għar-riċerkaturi għandha titjieb, b'87% jgħidu li l-istess għandu jkun għall-istudenti. Għaż-żewġ gruppi l-ikbar kwistjonijiet kienu jidhru li huma l-viżi u l-permessi ta’ residenza. Aktar minn 70% tal-parteċipanti ħasbu li l-attrazzjoni tal-UE għandha titjieb ukoll għat-tfal tal-iskola, għall-voluntiera u għall-apprentisti mhux imħallsin. Ma kien hemm l-ebda preferenza ġeografika bejn it-tweġibiet mogħtija minn ġewwa l-UE u dawk minn barra l-UE.

Fl-aħħarnett, tqiesu wkoll ir-riżultati rilevanti tal-konsultazzjoni pubblika rigward il-Komunikazzjoni Qafas dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka[11] kif ukoll ir-riżultati tal-Istħarriġ tal-Erasmus Mundus dwar il-Viżi tal-istudenti u l-eksstudenti mmexxi mill-Assoċjazzjoni tal-

---

7 Il-partijiet interessati ġew ikkonsultati dwar il-qafas leġiżlattiv attwali rigward l-istudenti u r-riċerkaturi, b’mod partikolari dwar il-problemi li jaffettwaw l-ammissjoni u l-mobilità taċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi inkwistjoni, fuq l-ambitu li potenzjalment jista’ jsir titjib fih kif ukoll dwar l-emendi possibbli tad-Direttiva.

8 http://emn.intrasoft-intl.com/ Ara taħt: EMN Outputs / EMN Ad-Hoc Queries / Students.

9 Il-Bord tat-Tmexxija tal-EMN għażel it-tema *l-Immigrazzjoni ta’ Studenti Internazzjonali lejn l-UE* bħala l-istudju ewlieni għall-Programm ta' Ħidma 2012. L-għan ta’ dan l-istudju hu li jagħti ħarsa ġenerali tal-politiki dwar l-immigrazzjoni implimentati mill-Istati Membri tal-UE u min-Norveġja rigward studenti internazzjonali, bil-għan li dawk li jfasslu l-politika kif ukoll il-prattikanti jiġu megħjuna jilħqu bilanċ bejn li attivament jattiraw studenti internazzjonali fl-UE għal skop ta’ studju, u bejn li jipprevjenu l-użu ħażin ta’ rotot ta’ studenti internazzjonali għall-migrazzjoni.

10 http://ec.europa.eu/yourvoice/ipm/forms/dispatch?form=Immigration2012. Il-konsultazzjoni għalqet fit-23 ta’ Awwissu 2012.

11 http://ec.europa.eu/research/consultations/era/consultation_en.htm

istudenti u tal-eksstudenti tal-Erasmus Mundus (EMA)[12] fuq talba tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA).

- **Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm il-ħtieġa li jiżdied l-għarfien espert estern mad-dejta li nġabret kif muri hawn fuq.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-opzjonijiet li ġejjin ġew kkunsidrati:

Opzjoni 1 (xenarju bażi) L-ebda bidla fis-sitwazzjoni eżistenti

Soluzzjonijiet differenti u diverġenti dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni, b'mod partikolari dawk tal-viżi, se jkomplu jiġu implimentati mill-Istati Membri li jaġixxu b'mod indipendenti. Se jibqa' jkun hemm nuqqas ta' ċarezza u trasparenza dwar dawn l-aspetti. Se jibqgħu jinqalgħu problemi dwar is-salvagwardji proċedurali u se jibqgħu restrittivi l-kundizzjonijiet biex tkun eżerċitata l-mobilità ġewwa l-UE (b'mod partikolari fil-każ tal-istudenti), filwaqt li l-apprentisti mħallsin mhux se jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Bl-istess mod, rigward l-aċċess għas-suq tax-xogħol mill-istudenti u r-riċerkaturi wara li jiggradwaw/jtemmu l-istudji/r-riċerka tagħhom, se jkomplu japplikaw approċċi differenti madwar l-UE.

Opzjoni 2: Sforz akbar fil-komunikazzjoni (b'mod partikolari fil-każ ta' riċerkaturi), u infurzar aktar b'saħħtu tar-regoli attwali

Din l-opzjoni tinkludi informazzjoni li hija mogħtija u li hemm aċċess għaliha aħjar, sabiex tiżdied it-trasparenza tar-regoli eżistenti u jkunu użati aħjar. Jista' jkun hemm ukoll iktar sforzi sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri dwar l-ammissjoni u l-protezzjoni ta' gruppi, jiġifieri l-au pairs u l-apprentisti mħallsin, li bħalissa mhumiex koperti mid-Direttivi eżistenti. Se jsir eżerċizzju aktar sistematiku sabiex ikun żgurat li l-Istati Membri jifhmu u jirrispettaw l-obbligi tagħhom skont dawn id-Direttivi.

Opzjoni 3: Titjib fil-kundizzjonijiet ta' ammissjoni, fid-drittijiet u fil-garanziji proċedurali

Din l-opzjoni tinkludi l-aktar titjib għal studenti, studenti skolastiċi, voluntiera u apprentisti mhux imħallsin minħabba li tagħmel il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni simili għal dawk li japplikaw għar-riċerkaturi, u ġġib xi wħud mid-drittijiet fl-istandard ta' dawk ġawduti mir-riċerkaturi. Din l-opzjoni ġġib ir-regoli għall-gruppi tat-tfal tal-iskola, għall-voluntiera u għall-apprentisti mhux imħallsin, mandatorji. L-Istati Membri jkunu obbligati jaġevolaw l-akkwist tal-viża meħtieġ miċ-ċitttadin ta' pajjiż terz (l-istudenti u kategoriji oħra) li jkun tefa' applikazzjoni u jkun jilħaq il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni. Ikun hemm ukoll tibdil fir-rigward ta'garanziji proċedurali, prinċipalment permezz tal-introduzzjoni ta 'limiti ta' żmien li jobbligaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex tiddeċiedi dwar applikazzjoni fi żmien 60 jum. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż bi 30 jum ieħor. Id-dritt tal-istudenti li jaħdmu matul il-perjodu tagħhom ta' studju jkun estiż għall-minimu ta' 15-il siegħa fil-ġimgħa sa mill-ewwel sena ta' residenza tagħhom.

Opzjoni 4: Aktar titjib fil-kundizzjonijiet ta' ammissjoni, drittijiet ukoll dwar il-mobilità fi ħdan l-UE u l-garanziji proċedurali; aċċess għas-suq tax-xogħol wara t-tlestija tal-istudji jew tal-proġett ta'riċerka; estiż il-kamp ta' applikazzjoni għall-au-pairs u għall-apprentisti mħallsin

---

[12] http://eacea.ec.europa.eu/erasmus_mundus/events/visas-students/ema_visa_survey_16112011.pdf

Din l-opzjoni timmira għal livell ogħla ta' ambizzjoni sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet u d-drittijiet tal-gruppi koperti minn Direttivi eżistenti, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar au-pairs u l-apprentisti mħallsin kif ukoll jiġu introdotti kundizzjonijiet ta' ammissjoni sabiex tkun żgurata protezzjoni aħjar għalihom. L-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li joħorġu viżi għal permanenza fit-tul jew permessi ta' residenza, u għandhom jitolbu, f'każ li ż-żewġ tipi ta' awtorizzazzjonijiet jiġu użati, li jiġu sodisfatti l-kundizzjoniijiet ta' ammissjoni stipulati fid-Direttiva (sabiex il-kundizzjonijiet jibqgħu l-istess irrispettivament mit-tip ta' awtorizzazzjoni).

Jekk jagħti l-każ li l-permanenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz taqbeż il-perjodu ta' sena, l-Istati Membri li joħorġu viżi għal permanenza fit-tul jkollhom joħroġ l-permess ta' residenza wara l-ewwel sena. Id-dispożizzjonijiet dwar il-mobilità ġewwa l-UE se jkunu msaħħin għar-riċerkaturi u l-istudenti, u għall-ewwel darba jgħoddu għall-apprentisti mħallsin. Barra minn hekk, rigward il-mobilità ġewwa l-UE, regoli aktar favorevoli, speċifiċi, se jkunu japplikaw għall-benefiċjarji ta' programmi tal-UE inklużi miżuri ta' mobilità bħall-Erasmus Mundus jew il-Marie Curie.

L-istudenti jiksbu d-dritt li jaħdmu għal minimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa sa mill-ewwel sena ta' residenza. Wara t-tmiem tal-istudji/tar-riċerka tagħhom, l-istudenti u r-riċerkaturi jitħallew joqogħdu fit-territorju għal perjodu ta' 12-il xahar biex isibu opportunitajiet ta' xogħol. Dwar il-garanziji proċedurali, l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jiddeċiedu dwar l-applikazzjonijiet fi żmien 60 jum (għall-gruppi kollha), u fi żmien 30 jum għall-benefiċjarji ta' Erasmus Mundus u ta' Marie Curie.

L-analiżi u l-paragun bejn l-opzjonijiet juru li hemm problemi li ma jistgħux jiġu solvuti permezz ta' sforzi aħjar ta' komunikazzjoni, u għaldaqstant jeħtieġu aġġornament tad-Direttivi.

L-opzjoni 4 tidher li hija l-aktar opzjoni kosteffikaċi sabiex jintlaħqu l-objettivi ewlenin u jseħħu impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi. L-ispejjeż involuti huma l-iżvantaġġ ewlieni tat-tibdiliet leġiżlattivi. L-Istati Membri ser ikollhom jagħmlu modifiki fl-oqsfa leġiżlattivi tagħhom, prinċipalment dawk li jawtorizzaw id-dħul u l-permanenza, il-mobilità fl-UE u t-tul ta' żmien li għandhom jieħdu l-applikazzjonijiet. Fl-istess waqt l-ispejjeż implikati fl-opzjoni 4 għandhom ikunu relattivament limitati, u xi Stati Membri diġà qed jimplimentaw uħud mid-dispożizzjonijiet previsti.

Billi l-kwistjonijiet identifikati huma simili għaż-żewġ Direttivi, u sabiex tiġi pprovduta aktar koerenza u ċarezza fir-regoli tal-UE, l-aktar mod effettiv sabiex tiġi implimentata l-opzjoni ppreferuta huwa li jiġu kkombinati ż-żewġ Direttivi fi strument leġislattiv uniku. Dan se jitwettaq bit-tfassil mill-ġdid taż-żewġ Direttivi, billi jitwaħħdu f'att leġiżlattiv uniku u jiġu proposti tibidliet sostanzjali ġodda.

3. L-ASPETTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza ta' riċerkaturi, studenti, studenti tal-iskola, apprentisti mħallsin u mhux imħallsin, voluntiera u au-pairs biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur. Il-proposta tintroduċi kundizzjonijiet ta' ammissjoni għal żewġ gruppi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li bħalissa mhumiex koperti b'qafas legali tal-UE li jorbot legalment, l-au-pairs u l-apprentisti mħallsin, sabiex jiġu żgurati d-drittijiet legali u l-protezzjoni tagħhom. Fil-każ ta' riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, l-ammissjoni tal-familja ssir aktar faċli, kif ukoll l-aċċess għas-suq tax-xogħol mill-membri tal-familja, u l-mobilità fl-UE tagħhom.

Il-proposta tistipula li applikant li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti għall-ammissjoni f'wieħed mill-Istati Membri għandu jingħata viża għal permanenza fit-tul jew permess ta' residenza. Il-proposta tiffaċilita u tissimplifika l-mobilità fl-UE għall-istudenti u r-riċerkaturi, b'mod partikolari għal dawk fil-programmi ta' Erasmus Mundus/Marie Curie li ser jiġu estiżi u se jaraw żieda fil-parteċipazzjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss. Il-proposta żżid id-drittijiet tal-istudenti sabiex jaħdmu part-time u tippermetti lill-istudenti u lir-riċerkaturi, wara li jtemmu l-istudji/r-riċerka, biex joqogħdu fit-territorju sabiex isibu xogħol tul perjodu ta' 12-il xahar.

Il-proposta tintroduċi informazzjoni u trasparenza aħjar, kif ukoll limiti ta' żmien għal deċiżjonijiet u garanziji proċedurali aħjar, bħar-raġunijiet bil-miktub dwar deċiżjoni u d-drittijiet ta' appell. It-tariffi mitluba għandhom ikunu proporzjonali.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 79(2) tat-TFUE jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja sabiex jadottaw miżuri fl-oqsma li ġejjin:

(a) Il-kundizzjonijiet ta' dħul u ta' residenza, kif ukoll l-istandards għall-ħruġ ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil, minn Stati Membri;

(b) Id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, inklużi l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra;

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-politika tal-immigrazzjoni hija kompetenza maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Għalhekk il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika biex jiżgura li l-objettivi tal-azzjoni proposta ma setgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri (it-test tan-neċessità), u jiġi kkunsidrat kif u jekk dawn l-objettivi jistgħux jintlaħqu aħjar b'azzjoni min-naħa tal-Unjoni (it-test tal-valur miżjud Ewropew).

L-isfida li tinżamm u tittejjeb il-kapaċità li jiġi attirat talent minn barra l-UE żdiedet u hija komuni għall-Istati Membri kollha. Għalkemm kull Stat Membru jista' jibqa' jkollu s-sistema nazzjonali tiegħu għall-ammissjoni ta' gruppi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati minn din il-proposta, dan ma jilħaqx l-objettiv ġenerali biex tiżdied l-attrazzjoni tal-UE bħala destinazzjoni għall-immigranti ta' talent. Sett wieħed komuni ta' rekwiżiti ta' ammissjoni u ta' residenza minflok qagħda frammentata b'regoli nazzjonali diverġenti huwa evidentement aktar effiċjenti u aktar sempliċi milli 27 sistema differenti li l-applikanti potenzjali kif ukoll l-organizzazzjonijiet involuti jkollhom janalizzaw u jħabbtu wiċċhom magħhom. Barra minn hekk, il-promozzjoni tal-mobilità fl-UE, wieħed mill-objettivi ewlenin ta' din il-proposta, teħtieġ strument għall-UE kollha.

Bl-għadd jiżdied ta' inizjattivi mmirati lejn iż-żgħażagħ u li jistimulaw il-kuntatti bejn il-persuni fuq livell kulturali, soċjali, edukattiv ma' ċittadini ta' terzi pajjiżi, kif ukoll bil-forom ta' taħriġ informali, il-ħtieġa li dawn l-inizjattivi jallinjaw ruħhom mar-regoli tal-immigrazzjoni b'mod adegwat hija saħansitra akbar.

Fl-aħħarnett, livell minimu uniformi ta' protezzjoni u ta' drittijiet għal studenti u riċerkaturi minn pajjiżi terzi, u gruppi oħrajn għandu joffri salvagwardji kontra l-isfruttament ta' ċerti kategoriji vulnerabbli, bħall-apprentisti mħallsin u l-au-pairs.

Il-valur miżjud tal-UE rigward id-Direttivi eżistenti dwar l-Istudenti u r-Riċerkaturi ġie ppruvat tul is-snin, u din il-proposta se twassal għal aktar titjib.

Qafas legali trasparenti li jkun jinkludi salvagwardji xierqa sabiex jiġi żgurat it-trasferiment ġenwin ta' ħiliet għandu jiffaċilita r-relazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali fuq livell internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi li qed jibagħtu. Fir-rigward tal-aspetti esterni tal-politika dwar il-migrazzjoni, strument tal-UE li jkopri l-apprendsiti mħallsin se jgħin aktar it-tisħiħ tal-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità, peress li jipprovdi kemm it-trasferimenti ta' ħiliet kif ukoll jsaħħaħ l-impenn ta' pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari, grazzi għal rotot migratorji legali addizzjonali. Dwar l-au-pairs, qafas tal-UE se jgħin biex tiżdied il-protezzjoni tagħhom.

Wieħed mill-elementi ewlenin ta' din il-proposta huwa li jiġi sfruttat aħjar il-potenzjal tal-istudenti u r-riċerkaturi wara li jtemmu l-istudji/r-riċerka tagħhom. Dawn jikkostitwixxu riżerva futura ta' ħaddiema b'ħiliet għolja billi huma integrati fis-soċjetà li tospitahom u jitkellmu l-lingwa.

Il-proposta, billi tindirizza l-apprentisti mħallisn li jaqgħu barra mill-ambitu tal-ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali, se tkun tikkumplimenta d-Direttiva dwar il-ħaddiema bi trasferiment intra-ażjendali li bħalissa qed tiġi nnegozjata mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Dispożizzjonijiet li huma mmirati biex jiċċaraw u jippromwovu d-drittijiet u l-kundizzjonijiet ta' residenza ser jikkontribwixxu wkoll għall-objettiv ġenerali biex titjieb il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

Quddiem dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-proposta titqies konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-prinċipju tal-propozjonalità japplika, jiġifieri "l-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni m'għandhomx jeċċedu dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tat-Trattati" (Artikolu 5(4) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea). Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

L-istrument magħżul huwa Direttiva, li jagħti lill-Istati Membri livell għoli ta' flessibbiltà fl-implimentazzjoni tagħha.

Il-kontenut tal-azzjoni huwa limitat għal x'inhu neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħha. Ir-regoli proposti jikkonċernaw kundizzjonijiet ta' ammissjoni, proċeduri u awtorizzazzjonijiet (permessi ta' residenza u viżi għal permanenza fit-tul), kif ukoll drittijiet tal-istudenti, riċerkaturi, studenti tal-iskola, voluntiera, apprentisti u au-pairs, li huma l-oqsma li jikkostitwixxu l-elementi ta' politika komuni dwar l-imigrazzjoni skont l-Artikolu 79 tat-TFUE. Diġà jeżistu regoli fuq livell tal-UE għal xi wħud minn dawn il-gruppi, madankollu jeħtieġ li jiġu aġġornati u mtejba, u l-kontenut ta' din il-proposta huwa limitat għal dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-għan t'hawn fuq.

- **L-għażla ta' strument**

L-istrument propost huwa Direttiva. Huwa l-istrument xieraq għal din l-azzjoni billi jistabbilixxi standards minimi li jorbtu, iżda fl-istess waqt, jagħti lill-Istati Membri l-flessibbiltà meħtieġa. Barra minn hekk huwa l-aktar strument adattat biex iwaħħad f'att leġiżlattiv uniku ż-żewġ Direttivi eżistenti permezz tar-riformulazzjoni taż-żewġ Direttivi eżistenti, sabiex ikun żgurat qafas legali koerenti għal gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu fl-UE.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-UE.

5. TAGĦRIF IEĦOR

- **Il-klawżola ta' traspożizzjoni**

Il-proposta tinkludi klawsola ta' traspożizzjoni.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni**

Id-Direttiva proposta għandha kamp ta' applikazzjoni personali wiesa' fir-rigward tal-gruppi differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li tkopri (riċerkaturi, studenti, studenti tal-iskola, apprentisti, voluntiera u au-pairs). Il-proposta fiha wkoll għadd kbir ta' obbligi legali, ogħla meta mqabbel mad-Direttivi 2005/71/KE u 2004/114/KE eżistenti. Fid-dawl ta' dan, u l-fatt li l-proposta tinkludi dispożizzjonijiet dwar għadd ta' gruppi li għadhom mhux koperti b'mod obbligatorju mill-qafas legali attwali, se jkunu meħtieġa dokumenti ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw in-notifika dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni biex il-miżuri ta' traspożizzjoni li l-Istati Membri żiedu mal-leġiżlazzjoni eżistenti jkunu identifikabbli b'mod ċar.

- **Spjegazzjoni ddettaljata tal-proposta**

<u>KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI</u>

Artikolu 1

Il-proposta hija parti mill-isforzi tal-UE biex tiġi żviluppata politika komprensiva dwar l-immigrazzjoni. Din għandha żewġ skopijiet speċifiċi. L-ewwel wieħed huwa biex jiġu stipulati l-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu li jaqbeż it-tliet xhur għal skop ta' riċerka, studju, skambju ta' studenti, taħriġ bi ħlas kif ukoll bla ħlas, servizz volontarju u au pairing. It-tieni wieħed huwa biex jiġu stipulati l-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza tal-istudenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz u tal-apprentisti mħallsin fi Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru li jkun l-ewwel wieħed li jagħti awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva. It-tielet wieħed ikopri l-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz fi Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru li jkun l-ewwel wieħed li jagħti awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta 'pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, li japplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw biex ikunu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għal skop ta' riċerka, studju, skambju ta' studenti, taħriġ li jkun hemm ħlas waqtu u dak li ma jkunx hemm ħlas waqtu, servizz volontarju jew au pairing. Id-dispożizzjonijiet fakultattivi tad-Direttiva dwar l-Istudenti rigward l-istudenti tal-iskola, l-apprentisti mhux imħallsin u l-voluntiera saru obbligatorji, u l-kamp ta' applikazzjoni ġenerali ġie estiż biex ikopri l-apprentisti mħallsin u l-au-pairs.

Rigward il-gruppi li mhumiex koperti mill-proposta, il-proposta ssegwi fil-parti l-kbira l-approċċ żviluppat fid-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE. Il-proposta ma tkoprix, pereżempju, iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom. Bħal kif kien il-każ tad-Direttivi 2004/114/KE u 2005/71/KE, din ukoll ma tkoprix liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti minn żmien twil fl-UE avolja għandhom status aktar privileġġjat u l-permess ta' residenza tagħhom huwa ta' tip speċifiku, jew lir-refuġjati, dawk residenti fi Stat Membru

fuq bażi strettament temporanja skont il-leġiżlazzjoni tal-KE jew skont impenji li jinsabu fi ftehimiet internazzjonali, u kategoriji limitati oħra.

Artikolu 3

Dan l-Artikolu jistipola d-definizzjonijiet użati fil-proposta, li fil-biċċa l-kbira tagħhom huma komuni għal Direttivi dwar il-migrazzjoni oħra li jeżistu (b'mod speċjali 2004/114/KE u 2005/71/KE). Id-definizzjoni ta' au-pairs hija ispirata mill-Ftehim Ewropew tal-1969 dwar il-kollokament tal-"au-pairs". Id-definizzjoni ta' apprentist imħallas hija bbażata fuq dik għal apprentist mhux imħallas, filwaqt li huwa enfasizzat l-element ta' ħlas. It-terminu "awtorizzazzjoni" jintuża biex ikopri kemm il-permessi ta' residenza kif ukoll il-viżi għal terminu twil.

Artikolu 4

Dan l-Artikolu jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jagħtu kondizzjonijiet iktar favorevoli lill-persuni li għalihom din il-proposta għal Direttiva tapplika, madankollu dawk biss li huma marbutin ma' ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw membri tal-familja ta' riċerkaturi, drittijiet għal trattament ugwali, attivitajiet ekonomiċi u salvagwardji proċedurali, sabiex ma jkunx preġudikat il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

<u>KAPITOLU II – L-AMMISSJONI</u>

Artikolu 5

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-prinċipju ġenerali li applikant li jissodisfa l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha għall-ammissjoni jingħata permess ta' residenza jew viża għal permanenza fit-tul mill-Istat Membru fejn tkun saret l-applikazzjoni. Ir-raġuni għal dan huwa biex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom l-applikant jista'jiġi rrifjutat ammissjoni, għalkemm hu jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha, iżda ma jingħatax il-viża meħtieġa.

Artikolu 6

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali li l-kandidati kollha jridu jissodisfaw sabiex ikunu ammessi fi Stat Membru, minbarra l-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għal kategoriji differenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikoli sussegwenti. Il-kundizzjonijiet ġenerali huma konformi sew ma' dawk żviluppati fl-acquis eżistenti dwar il-migrazzjoni legali, u jinkludu dokumenti validi, l-assigurazzjoni tal-mard u r-riżorsi minimi. Ladarba jintlaħqu l-kundizzjonijiet ġenerali kif ukoll il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni, l-applikanti għandhom ikunu intitolati għal awtorizzazzjoni, jiġifieri viża għal permanenza fit-tul u/jew permess ta' residenza.

Artikoli 7, 8 u 9

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni għal riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, li diġà jeżistu fid-Direttiva dwar ir-Riċerkaturi, b'mod partikolari r-rekwiżit li l-organizzazzjoni ta' riċerka tkun approvata mill-Istat Membru, u li jiġi ffirmat ftehim ta' akkoljenza kemm mill-organizzazzjoni ta' riċerka approvata kif ukoll mir-riċerkatur. Din il-proposta espliċitament telenka l-elementi li għandu jkun hemm fil-ftehim ta' akkoljenza. Dawn huma t-titlu u l-iskop tal-proġett tar-riċerka, il-konferma tar-riċerkatur li huwa jimpenja ruħu li jlesti l-proġett ta' riċerka, il-konferma tal-organizzazzjoni li tospita r-riċerkatur li huwa jista' jlesti l-proġett ta' riċerka, d-data tal-bidu u ta' tmiem il-proġett ta' riċerka, informazzjoni dwar ir-relazzjoni legali bejn l-organizzazzjoni ta' riċerka u r-riċerkatur kif ukoll informazzjoni fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur. Għar-riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, sabiex ikunu jafu bl-organizzazzjonijiet ta' riċerka li jistgħu jidħlu fi ftehim ta' akkoljenza, qed issir enfasi dwar il-ħtieġa li tkun disponibbli pubblikament il-lista ta' organizzazzjonijiet approvati, u li l-lista tkun aġġornata kull meta jsir xi tibdil fiha.

L-Artikoli 10

Din id-dispożizzjoni tal-Artikolu 10 tistabbilixxi l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni għal studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, simili għal dawk li diġà jinsabu fid-Direttiva tal-Istudenti.

Artikoli 11, 12, 13 u 14

Dawn id-disposizzjonijiet jistabbilixxu kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni għal studenti tal-iskola biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, apprentisti mħallsin u mhux imħallsin, voluntiera u au-pairs, li jeħtieġu li jagħtu prova ta' liema hija l-organizzazzjoni li hija responsabbli mill-iskambju, taħriġ jew volontarjat tagħhom. Filwaqt li l-istudenti tal-iskola, l-apprentisti mhux imħallsin u l-voluntiera kienu diġà inklużi fid-Direttiva 2004/114/KE fuq bażi fakultattiva, l-apprentisti mħallsin huma grupp għal kollox ġdid ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu koperti. Dan japplika għall-au-pairs. Dawn iż-żewġ gruppi tal-aħħar għandhom karatteristiċi simili bħal ta' dawk li diġà ġew indirizzati mil-liġi tal-UE. Iż-żewġ gruppi jibbenefikaw minn livelli ogħla ta' protezzjoni. Biex l-au-pairs ikunu ammessi jrid ikun hemm prova li l-familja li tospita taċċetta r-responsabbiltà pereżempju dwar dak kollu li għandu x'jaqsam ma' sussistenza u akkomodazzjoni. Il-permanenza tal-au-pair trid tkun ibbażata wkoll fuq ftehim bejn l-au-pair u l-familja li tospita, fejn fih ikun hemm definit id-drittijiet u l-obbligi tiegħu. Għall-apprentisti mħallsin, il-programm ta' taħriġ, it-tul tiegħu, il-kundizzjonijiet ta' sorveljanza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol jeħtieġu li jkunu speċifikati. Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-apprentisti jkunu użati għax-"xogħol bl-irħis", l-entità li tospita tista' tkun obbligata tiddikjara li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz mhux qed jimla post tax-xogħol.

<u>KAPITOLU III – AWTORIZZAZZJONIJIET U TUL TA' ŻMIEN TA' RESIDENZA</u>

Artikoli 15, 16 u 17

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-permess ta' residenza jew fil-viża għal perjodu twil ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-Artikolu 16 jispeċifika li għar-riċerkaturi u għall-istudenti għandha tingħata awtorizzazzjoni għal mill-anqas sena waħda. Għall-kumplament tal-gruppi l-oħra l-awtorizzazzjoni hija limitata għal sena waħda bħala regola, bil-possibbiltà ta' eċċezzjonijiet. Dan huwa konformi mat-tul ta' żmien stipulat mid-Direttivi 2005/71 u 2004/114. Barra minn hekk, l-Artikolu 17 jippermetti lill-Istati Membri biex jipprovdu informazzjoni addizzjonali fuq l-elenku sħiħ tal-Istati Membri fejn studenti jew riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz jixtieqū jmorru.

<u>KAPITOLU IV – RAĠUNIJIET GĦAR-RIFJUT, GĦALL-IRTIRAR JEW GĦAN-NUQQAS TA' TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET</u>

Artikoli 18, 19 u 20

Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu r-raġunijiet possibbli u obbligatorji għar-rifjut, għall-irtirar jew għan-nuqqas ta' tiġdid ta' awtorizzazzjoni, bħal kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi għall-ammissjoni li ma jibqgħux jiġu sodisfatti, dokumenti foloz eċċ., li huma kundizzjonijiet standard previsti mid-Direttivi eżistenti dwar il-migrazzjoni.

<u>KAPITOLU V - DRITTIJIET</u>

Din il-proposta tintroduċi kapitolu speċifiku dwar id-drittijiet għall-gruppi kollha koperti mill-proposta.

Artikolu 21

Sabiex ikun garantit it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, din id-dispożizzjoni tintitolahom għat-trattament ugwali previst

fid-Direttiva dwar il-Permess Uniku[13]. Ir-riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz jżommu d-drittijiet aktar favorevoli dwar it-trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li jospitahom rigward il-fergħat tas-sigurtà soċjali kif stabbiliti fir-Regolament Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi tas-sigurtà soċjali, mingħajr il-possibbiltà li jkun hemm limitazzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva dwar il-Permess Uniku. Barra minn hekk, studenti tal-iskola, voluntiera, apprentisti mhux imħallsin u au-pairs biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz se jgawdu minn drittijiet fit-trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li jospitahom rigward l-aċċess għal oġġetti u servizzi kif ukoll rigward il-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku, indipendentement minn jekk il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali tagħtihomx aċċess għas-suq tax-xogħol.

Artikoli 22 u 23

Skont dawn id-dispożizzjonijiet ir-riċerkaturi u l-istudenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz jingħataw id-dritt li jaħdmu, anki jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu ċerti limiti. Ir-riċerkaturi, kif kien il-każ skont id-Direttiva 2005/71, huma awtorizzati jgħallmu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Rigward l-istudenti, filwaqt li skont id-Direttiva 2004/114/KE l-istudenti kienu jitħallew jaħdmu għall-minimu ta' 10 sigħat fil-ġimgħa, dan il-perjodu żdied għal 20 siegħa. Fir-rigward tal-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi tal-istudenti, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jieħdu inkonsiderazzjoni s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, iżda dan għandu jsir b'mod proporzjonat sabiex ma jipperikolawx sistematikament id-dritt għax-xogħol[14].

Artikolu 24

L-Artikolu 24 jagħti l-possibbiltà lill-istudenti u lir-riċerkaturi, jekk ikunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ġenerali tal-proposta (ħlief għall-kundizzjoni li wieħed ikun minorenni), li joqogħdu fl-Istat Membru għal 12-il xahar wara li jtemmu l-istudju/r-riċerka tagħhom sabiex ifittxu xogħol jew iwaqqfu negozju. Xi Stati Membri diġà jipprovdu għal din il-possibbiltà, iżda l-ammont ta' żmien jista' jkun differenti. Il-possibbiltà li wieħed jibqa' fl-Istat Membru rilevanti tidher li hija fattur importanti meta studenti/riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz jagħżlu l-pajjiż tad-destinazzjoni tagħhom. Din id-dispożizzjoni għalhekk għandha l-potenzjal li tagħmel lill-Istati Membri iktar kompetittivi fit-tfittxija għal talenti fix-xena globali. Din hija kwistjoni ta' interess komuni fil-kuntest ta' popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos u tal-ħiliet meħtieġa fil-futur, u tkun konformi mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Intrapenditorija 2020[15]. Madankollu mhix se tkun permess tax-xogħol awtomatiku, però l-Istati Membri xorta jistgħu japplikaw il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni relevanti. F'perjodu ta' aktar minn tliet xhur u inqas minn sitt xhur, l-Istati Membri jistgħu jitolbu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jipprovdu dokumentazzjoni li huma ġenwinament qed ifittxu impjieg (pereżempju kopji ta' ittri u CVs mibgħuta lil min iħaddem) jew li huma fil-proċess li jiftħu negozju. Wara sitt xhur, jistgħu wkoll jitolbu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jagħtu prova li huma għandhom ċans serju li jiġu ingaġġati jew li jiftħu negozju.

Artikolu 25

Dan l-Artikolu jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-ammissjoni u l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-membri tal-familja tar-riċerkaturi b'deroga għad-Direttiva 2003/86/KE, bil-għan li tiżdied l-attrazzjoni tal-UE għar-riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz. Il-fatt jekk il-membri tal-familji tar-riċerkaturi jistax ikollhom aċċess immedjat jew le għall-Istat Membru

[13] Id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru, ĠU L 343 tat-23.12.2011

[14] Il-kawża C-508/10, is-sentenza 26.4.2012

[15] COM(2012)795

kkonċernat kif ukoll għas-suq tax-xogħol, jista' jinfluwenza fid-deċiżjoni tar-riċerkatur dwar jekk ikunx mobbli jew le.

KAPITOLU VI – IL-MOBILITÀ FL-ISTATI MEMBRI

Artikoli 26 u 27

Dawn l-Artikoli jistabbilixxu l-kondizzjonijiet li skonthom ir-riċerkaturi, l-istudenti u l-apprentisti jistgħu jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor, sabiex tkun iffaċilitata din il-mobilità. Skont id-Direttiva 2005/71/KE, il-perjodu li għalih ir-riċerkaturi huma awtorizzati jiċċaqalqu għat-tieni Stat Membru abbażi tal-Ftehim ta' akkoljenza konkluż fl-ewwel Stat Membru ġie estiż minn 3 xhur għal 6 xhur. Għall-istudenti, fil-proposta l-ġdida ġew introdotti dispożizzjonijiet li jippermettulhom jiċċaqalqu għat-tieni Stat Membru għal perjodu ta' mhux aktar minn 6 xhur, abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru. Regoli speċifiċi japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu taħt il-programmi ta' mobilità tal-UE, bħal pereżempju l-programmi attwali ta' Erasmus Mundus jew Marie Curie, sabiex jiġi ssimplifikat l-eżerċizzju ta' mobilità. Dan jillimita s-sitwazzjonijiet li fihom ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkwalifikaw għal boroż ta' studju ta' riċerka taħt il-programmi ta' mobilità tal-UE ma jistgħux jaċċettawhom għaliex ma jistgħux jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 28

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Karta Blu, il-membri tal-familji tar-riċerkaturi jistgħu jiċċaqalqu minn Stat Membru għal ieħor flimkien mar-riċerkatur.

KAPITOLU VII - PROĊEDURA U TRASPARENZA

Artikolu 29

Din id-dispożizzjoni tintroduċi limitu ta' żmien li jobbliga lill-Istati Membri biex jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni kollha għall-awtorizzazzjoni u biex jinnotifikaw lill-applikant bil-miktub fi żmien 60 ġurnata (dan japplika għall-gruppi kollha), u fi żmien 30 jum għall-Programmi tal-Unjoni inklużi l-miżuri ta' mobilità bħall-boroż ta' studju ta' Erasmus Mundus u ta' Marie Curie. Il-qafas legali attwali ma jispeċifika l-ebda limitu ta' żmien. Il-garanziji proċedurali jinkludu l-possibbiltà ta' azzjoni legali kontra deċiżjoni fejn tiġi rrifjutata applikazzjoni kif ukoll il-ħtieġa li l-awtoritajiet jagħtu r-raġunijiet għal tali deċiżjonijiet bil-miktub, u jiżguraw li jiġi rrispettat id-dritt għal rimedju legali.

Artikoli 30 u 31

Ir-rikonoxximent li d-disponibbiltà tal-informazzjoni hija kruċjali sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din il-proposta. L-Artikolu 30 jimponi li l-Istati Membri jagħmlu l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza disponibbli, kif stabbilit minn din il-proposta, inkluża dik dwar l-organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati u dwar it-tariffi. Skont id-Direttivi dwar il-Migrazzjoni eżistenti, l-Artikolu 31 jistupula espliċitament li l-Istati Membri jistgħu jimponu tariffi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, skont il-każistika reċenti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[16], l-Artikolu 31 jintroduċi dispożizzjoni li tindika li l-ammont ta' dawn it-tariffi m'għandux jipperikola t-twettiq tal-objettivi tad-Direttiva.

KAPITOLU VIII - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikoli 32 sa 38

L-Artikolu 32 jobbliga lill-Istati Membri biex jistabbilixxu punti ta' kuntatt nazzjonali għall-iskambju ta' informazzjoni dwar iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti mill-proposta, li jiċċaqilqu

[16] Il-kawża C-508/10, is-sentenza tas-26.4.2012

minn Stat Membru għal ieħor. Dawn il-punti ta' kuntatt nazzjonali diġà jeżistu f'ċerti Direttivi dwar il-migrazzjoni, bħad-Direttiva dwar il-Karta l-Blu, u wrew li huma mekkaniżmu effiċjenti li jippermetti komunikazzjoni teknika bejn l-Istati Membri.

Artikolu 33

Din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistika dwar l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mogħtija awtorizzazzjoni skont din il-proposta, f'konformità mar-Regolament Nru 862/2007, bil-possibbiltà li l-Kummissjoni tista' titlob statistika addizzjonali.

Artikolu 36

Din id-dispożizzjoni tistipula li l-proposta formalment tħassar id-Direttivi 2005/71/KE u 2004/114/KE eżistenti dwar ir-riċerkaturi u l-istudenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz.

Id-dispożizzjonijiet li jifdal (l-Artikoli 34, 35, 37 u 38) huma dispożizzjonijiet standard finali li għandhom x'jaqsmu mar-rappurtar, it-traspożizzjoni, id-dħul fis-seħħ u d-destinatarji tad-Direttiva.

⬇ 2004/114/KE, 2005/71/KE (adattat)
⇨ ġdid

2013/0081 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-kundizzjonijiet ta' ~~ammissjoni~~ ⇨ dħul u residenza ⇦ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta' ⌦ riċerka ⌫ , studju, skambju ta' studenti, taħriġ ⇨ bi ħlas u ⇦ bla ħlas, ~~jew~~ servizz volontarju ⇨ u au pairing ⇦

~~dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' riċerrka xjentifika~~

[RIFORMULAZZJONI]

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~, u b'mod partikolari l-punti ~~(3)~~ (a) ⌦ u (b) ⌫ ~~(4)(b) tal-ewwel subparagrafu~~ tal-Artikolu ~~63~~ ⌦ 79(2) ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

⇩ ġdid

(1) Għadd ta' emendi għandhom isiru lid-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju[17] u d-Direttiva tal-Kunsill 2005/71/KE tat-12 ta' Ottubru 2005 dwar proċedura speċifika għall-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka xjentifika[18]. Dawn id-Direttivi, għal raġunijiet ta' ċarezza għandhom jiġu mfasslin mill-ġdid.

[17] ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.
[18] ĠU L 289, 3.11.2005, p. 15.

(2) Din id-Direttiva għandha tirrispondi għall-ħtieġa identifikata fir-rapporti ta' implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi[19] sabiex issewwi n-nuqqasijiet identifikati, u biex toffri qafas legali koerenti għal gruppi differenti li jiġu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi. Għandha għalhekk tissimplifika u tikkonforma d-dispożizzjonijiet eżistenti għal gruppi differenti fi strument uniku. Minkejja d-differenzi bejn il-gruppi koperti minn din id-Direttiva, huma għandhom ukoll numru ta' karatteristiċi li jagħmilha possibbli biex jiġu indirizzati permezz ta' qafas legali komuni fil-livell tal-Unjoni.

(3) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi għall-għan previst mill-Programm ta' Stokkolma, li jqarreb il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi. L-immigrazzjoni minn barra l-Unjoni hija sors wieħed għal nies b'ħiliet għoljin, u huma dejjem aktar mfittxija b'mod partikolari studenti u riċerkaturi. Huma għandhom rwol importanti fil-formazzjoni tar-riżorsa prinċipali tal-Unjoni – il-kapital uman – għax jiżguraw tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u għalhekk jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

(4) In-nuqqasijiet enfasizzati fir-rapporti ta' implimentazzjoni taż-żewġ Direttivi jikkonċernaw prinċipalment il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni, id-drittijiet, is-salvagwardji proċedurali, l-aċċess tal-istudenti għas-suq tax-xogħol waqt l-istudji, id-dispożizzjonijiet dwar il-mobilità fl-Unjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' armonizzazzjoni, għax tħalla b'mod fakultattiv f'idejn l-Istati membri jekk ikoprux xi gruppi bħall-voluntiera, it-tfal tal-iskola u l-apprentisti mhux imħallsin. Konsultazzjonijiet sussegwenti usa' ġibdu wkoll l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jkun hemm possibbiltajiet aħjar fit-tfittxija tal-impjiegi għar-riċerkaturi u l-istudenti kif ukoll protezzjoni aħjar għall-au-pairs u l-apprentisti mħallsin li mhumiex koperti mill-istrumenti attwali.

🡻 2004/114/KE premessa 1

(5) Għall-istabbiliment gradwali ta' żona ta' liberta', sigurtà u ġustizzja, it-Trattat jipprovdi għal miżuri li għandhom jiġu adottati fl-oqsma tal-ażil, l-immigrazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi.

🡻 2004/114/KE premessa 2 (adattat)

~~It-Trattat jipprovdi li l-Kunsill għandu jadotta miżuri dwar il-politika tal-immigrazzjoni li għandha x'taqsam mal-kondizzjonijiet tad-dħul u r-residenza, u l-istandards dwar proċeduri għall-ħruġ mill-Istati Membri ta' viżi u permessi ta' residenza għal żmien twil.~~

🡻 2004/114/KE premessa 3 (adattat)

~~Fil-laqgħa speċjali ta' Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa l-bżonn għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kondizzjonijiet għall-ammissjoni u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u talab lil Kunsill biex jaddotta malajr deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' proposti mill-Kummissjoni.~~

[19] COM(2011) 587 finali u COM(2011) 901 finali

⇩ ġdid

(6) Din id-Direttiva għandha wkoll l-għan li tinkoraġġixxi l-kuntatti bejn il-persuni kif ukoll il-mobilità, bħala elementi importanti tal-politika esterna tal-Unjoni, b'mod speċjali fejn jidħlu l-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat jew l-imsieħba strateġiċi tal-Unjoni. Għandha tippermetti kontribut aħjar fl-Approċċ Globali għall-Migrazzjoni u l-Mobilità u s-Sħubijiet għall-Mobilità tiegħu, li joffru qafas konkreti għad-djalogu u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, inklużi l-iffaċilitar u l-organizzazzjoni tal-migrazzjoni legali.

🡻 2004/114/KE premessa 6 (adattat)

~~Wieħed mill-għanijiet tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-edukazzjoni hu li jippromwovi l-Ewropa fl-intier tagħha bħala ċentru dinji ta' eċċellenza għall-istudju u t-taħriġ vokazzjonali. Il-promozzjoni tal-mobilitá ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi lejn il-Komunita' għal skopijiet ta' studju huwa fattur ewlieni f'dik l-istrateġija. L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istati Membri dwar il-kondizzjonijiet ta' dħul u residenza hija parti minn dan.~~

🡻 2004/114/KE premessa 7 (adattat)
⇨ ġdid

(7) Il-migrazzjoni għall-iskopijiet stipulati f'din id-Direttiva ~~hija minnha nfisha temporanja u ma tiddependix fuq is-sitwazzjojni tas-suq tax-xogħol fil-pajjiż ospitanti,.~~ ⇨ għandha tippromwovi l-ġenerazzjoni u l-akkwist tal-għarfien u l-ħiliet. ⇦ ⌦ Hija ⌫ tikkostitwixxi forma ta' arrikkiment reċiproku għall-migranti kkonċernati, għall-pajjiż ta' oriġini tagħhom u għall-Istat Membru Ospitanti, u tgħin biex tippromwovi aktar familjarità bejn il-kulturi.

⇩ ġdid

(8) Din id-Direttiva għandha tippromwovi lill-Unjoni bħala lok attraenti għar-riċerka u l-innovazzjoni kif ukoll tressaq lill-Unjoni 'l quddiem fil-kompetizzjoni globali għat-talent. Li l-Unjoni tinfetaħ għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jistgħu jiġu ammessi għal skopijiet ta' riċerka huwa wkoll parti mill-Inizjattiva Ewlenija tal-Unjoni għall-Innovazzjoni. Il-ħolqien ta' suq tax-xogħol miftuħ għal riċerkaturi tal-Unjoni u għal riċerkaturi minn pajjiżi terzi kien ukoll iddikjarat bħala l-għan ewlieni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ERA), żona magħquda, fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku u t-teknoloġija jiċċirkolaw b'mod ħieles.

🡻 2005/71/KE premessa 5 (adattat)

~~Din id-Direttiva għanha l-ħsieb li tikkontribwixxi għall-kisba ta' dawn l-għanijiet billi jitkattru l-ammissjonijiet u l-mobbiltà, għall-finijiet ta' riċerka, ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal waqfiet ta' iktar minn tliet xhur, sabiex il-Komunità ssir iktar attraenti għar-riċerkaturi minn madwar id-dinja u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala ċentru internazzjonali għar-riċerka.~~

🡻 2004/114/KE premessa 9 (adattat)

~~Ir-regoli l-ġodda tal-Komunitá huma bbażati fuq definizzjonijiet ta' student, ta' min qiegħed jitħarreġ, stabbiliment edukazzjonali u voluntiera li diġá jintużaw fil-liġi Komunitarja, b'mod partikolari fil-programmi varji tal-Komunitá li jippromwovu l-mobilitá tal-persuni rilevanti (Socrates, is-Servizz Volontarju Ewropew eċċ.).~~

🡻 2004/114/KE premessa 11

~~Iċ-ċittadini ta' pajjizi terzi li jaqgħu taħt il-kategoriji ta' dawk li qed jitħarrġu bla ħlas u voluntiera u li huma kkunsidrati, minħabba l-attivitajiet tagħhom jew l-għamla ta' kumpens jew remunerazzjoni li jirċievu, bħala ħaddiema taħt leġiżlazzjoni nazzjonali m'humiex koperti minn din id-Direttiva. L-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li bi ħsiebhom jagħmlu studji speċjalizzati fil-qasam tal-mediċina għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri.~~

🡻 2005/71/KE premessi 11, 13 u 14 (adattati)
⇨ ġdid

(9) Huwa xieraq li tiġi ffaċilitata l-ammissjoni ta' riċerkaturi ~~billi titwaqqaf~~ ⇨ permezz ta’ ⇦ proċedura ta' ammissjoni li ma tiddependix fuq ir-relazzjoni legali mal-organizzazzjoni tar-riċerka ospitanti, u billi ma jkunx meħtieġ iktar permess tax-xogħol apparti l-permess ta' residenza ⇨ jew il-viża għal permanenza fit-tul ⇦ . ~~L-Istati Membri jistgħu japplikaw regoli simili għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jitolbu l-ammissjoni għall-finijiet ta' xogħol bħala għalliema fi stabbiliment ta' edukazzjoni għolja skond il-liġi jew il-prattika amministrattiva nazzjonali, fil-kuntest ta' proġett għar-riċerka.~~ ~~L-~~ ⌦ Din ⌫ ~~ammissjoni speċifika~~ il-proċedura ~~għar-riċerkaturi~~ għandha tkun bbażata fuq il-kollaborazzjoni bejn ~~l-~~organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni fl-Istati Membri. Għandha tagħti lil tal-ewwel rwol ċentrali fil-proċedura ta' ammissjoni bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat u jitħaffef d-dħul u r-residenza ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ filwaqt li jiġu ppreservati l-prerogattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-~~kontroll~~ ⌦ politika ⌫ tal-immigrazzjoni. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati minn qabel mill-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiffirmaw ftehim ta' akkoljenza ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi bl-iskop li jitwettaq proġett ta' riċerka. L-Istati Membri għandhom joħorġu ~~permess ta' residenza~~ ⇨ awtorizzazzjoni ⇦ abbażi tal-ftehim ta' akkoljenza jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza.

↓ 2005/71/KE premessa 9 (adattat)

(10) Billi l-isforz li għandu jsir sabiex tintlaħaq il-mira ~~msemmija ta' 3%~~ ⌦ li jiġu investiti 3% tal-PDG fir-riċerka ⌫ jikkonċerna l-aktar lis-settur privat, li għalhekk għandu jirrekluta aktar riċerkaturi fis-snin li ġejjin, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka ~~potenzjalment eliġibbli~~ ⌦ li jistgħu jiġu approvati ⌫ skont din id-Direttiva ⌦ għandhom ⌫ jappartjenu jew għas-settur pubbliku jew għal dak privat.

↓ 2005/71/KE premessa 15 (adattat)
⇨ ġdid

(11) Sabiex ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ issir aktar attraenti għar-riċerkaturi ⌦ b'ċittadinanza ⌫ ta' pajjiż terz, ⌦ il-membri tal-familji tar-riċerkaturi, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja[20], ⌫ ~~għandhom jingħataw, matul il-permanenza tagħhom, drittijiet soċjali u ekonomiċi indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru li jospitahom f'għadd ta' oqsma, kif ukoll il-possibbiltà li jgħallmu f'istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja~~ ⇨ għandhom ikunu ammessi magħhom. Huma għandhom jibbenefikaw minn dispożizzjonijiet dwar il-mobilità fl-Unjoni, u għandu jkollhom ukoll aċċess għas-suq tax-xogħol ⇦ .

⇩ ġdid

(12) Fejn huwa opportun, l-Istati Membri għandhom ikunu mħeġġa biex iqisu l-kandidati b'PhD bħala riċerkaturi.

↓ 2005/71/KE premessa 6 (adattat)

(13) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tinkoraġġixxi eżodu ta' mħuħ minn pajjiżi emerġenti jew li qegħdin jiżviluppaw. Fl-ambitu ta' sħubija mal-pajjiżi ta' oriġini, għandhom jittieħdu miżuri ~~ta' sostenn~~ li jappoġġjaw l-integrazzjoni mill-ġdid ta' riċerkaturi fil-pajjiżi tal-oriġini tagħhom ~~kif ukoll il-moviment tagħhom~~, sabiex tiġi stabbilita politika ta' migrazzjoni komprensiva.

⇩ ġdid

(14) Sabiex tiġi promossa l-Ewropa kollha kemm hi bħala ċentru dinji ta' eċċellenza għall-istudju u t-taħriġ, il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza ta' dawk li jixtiequ jidħlu fl-Unjoni għal dawn l-għanijiet għandhom jitjiebu. Dan huwa konformi mal-objettivi

[20] ĠU L 251, 3.10.2003, p. 12.

tal-aġenda għall-immodernizzar tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fl-Ewropa[21], b'mod partikolari fil-kuntest tal-internazzjonalizzazzjoni tal-edukazzjoni għolja Ewropea. L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti tal-Istati Membri hija parti minn dan l-isforz.

⇩ ġdid

(15) L-estensjoni u l-approfondiment tal-proċess ta' Bolonja imniedi permezz tad-Dikjarazzjoni ta' Bolonja[22], wasslu għall-konverġenza progressiva tas-sistemi ta' edukazzjoni għolja fil-pajjiżi parteċipanti iżda wkoll lil hinn minnhom. Dan għaliex l-awtoritajiet nazzjonali appoġġjaw il-mobilità tal-istudenti kif ukoll tal-persunal akkademiku, u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja integrawha fil-kurrikuli tagħhom. Dan jeħtieġ li jkun rifless permezz ta' titjib fid-dispożizzjonijiet dwar il-mobilità fl-Unjoni għall-istudenti. Wieħed mill-objettivi tad-Dikjarazzjoni ta' Bolonja huwa li l-edukazzjoni għolja Ewropea tkun attraenti u kompettitiva. Il-proċess ta' Bolonja wassal għat-twaqqif taż-Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Għolja. Is-simplifikazzjoni tas-settur Ewropew tal-edukazzjoni għolja għamlitha aktar attraenti għall-istudenti li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi biex jistudjaw fl-Ewropa.

🡻 2004/114/KE premessa 10

(16) It-tul u kundizzjonijiet oħra tal-korsijiet preparatorji għall-istudenti koperti minn din id-Direttiva għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

🡻 2004/114/KE premessa 12

(17) Il-prova li student jiġi aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja tista' tinkludi, fost affarijiet oħrajn ittra jew ċertifikat li jikkonfermaw ir-reġistrazzjoni tiegħu.

🡻 2004/114/KE premessa 13
⇨ ġdid

(18) Il-boroż ta' studju ta' riċerka ~~jistgħu~~ ⇨ għandhom ⇦ jiġu kkunsidrati meta jiġi vvalutat hemmx riżorsi suffiċenti disponibbli.

⇩ ġdid

(19) Filwaqt li l-Istati Membri kellhom marġini ta' diskrezzjoni dwar jekk jew le japplikawx id-Direttiva 2004/114/KE għat-tfal tal-iskola, il-voluntiera u l-apprentisti mhux imħallsin, dawn il-gruppi issa għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva sabiex ikunu ffaċilitati d-dħul u r-residenza tagħhom kif ukoll jiġu

---

[21] COM(2011) 567 finali
[22] Dikjarazzjoni konġunta tal-Ministri tal-Edukazzjoni Ewropej fid-19 ta' Ġunju 1999

żgurati d-drittijiet tagħhom. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għall-au-pairs u l-apprentisti mħallsin, sabiex ikunu żgurati d-drittijiet legali u protezzjoni tagħhom.

(20) L-apprentisti mħallsin li jiġu biex jaħdmu fl-Unjoni fil-kuntest ta' trasferiment intrażjendali ma għandhomx ikunu koperti minn din id-Direttiva, billi jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-[Direttiva 2013/XX/UE dwar it-trasferimenti intrażjendali].

(21) Billi attwalment fil-livell tal-Unjoni m'hemm l-ebda qafas legali dwar l-au-pairs biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, sabiex ikunu ttrattati b'mod ġust għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom bħala grupp partikularment vulnerabbli. Din id-Direttiva għandha tipprevedi kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti kemm mill-au-pair kif ukoll il-familja ospitanti, b'mod partikolari dawk dwar il-ftehim ta' bejniethom li għandu jinkludi elementi bħas-somom żgħar ta' flus li għandhom jingħataw[23].

(22) Ladarba l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha għall-ammissjoni jkunu sodisfatti, l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjoni, jiġifieri viża għal permanenza fit-tul u/jew permess ta' residenza, fi ħdan il-limiti taż-żmien speċifikati. Jekk Stat Membru joħroġ permess ta' residenza fit-territorju tiegħu biss, u l-kundizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva relatati mal-ammissjoni jintlaħqu, l-Istat Membru għandu jagħti liċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat il-viża meħtieġa.

(23) L-awtorizzazzjoni għandha ssemmi l-istatus taċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat kif ukoll il-programmi rispettivi tal-Unjoni, inklużi l-miżuri ta' mobilità. L-Istati Membri jistgħu jindikaw informazzjoni addizzjonali fuq karta jew elettronikament, sakemm dan ma jżidx kundizzjonijiet oħra.

(24) Il-perjodi differenti tat-tul ta' żmien rigward l-awtorizzazzjonijiet skont din id-Direttiva għandhom jirriflettu n-natura speċifika tal-permanenza ta' kull grupp.

(25) L-Istati Membri jistgħu jitolbu ħlas m'għand l-applikanti biex jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni. It-tariffi għandhom ikunu pproporzjonati mal-iskop tal-permanenza.

(26) Id-drittijiet mogħtija lil ċittadini ta' pajjiżi terzi skont din id-Direttiva m'għandhomx jiddependu fuq jekk l-awtorizzazzjoni hix fil-forma ta' viża għal permanenza fit-tul jew permess ta' residenza.

🡻 2004/114/KE premessa 8 ⇨ ġdid

(27) It-terminu ammissjoni jkopri d-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ⇨ fi Stat Membru, ⇦ għall-iskopijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.

🡻 2004/114/KE premessa 14 (adattat) ⇨ ġdid

(28) L-ammissjoni tista' tiġi rrifjutata għal raġunijiet iġġustifikati kif dovut. B'mod partikolari, l-ammissjoni tista' tiġi rrifjutata jekk Stat Membru jqis, abbażi ta' valutazzjoni tal-fatti, ⇨ f'każ individwali, ⇦ li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat

[23] Ftehim Ewropew tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kollokament tal-"au pair", l-Artikolu 8

huwa theddida potenzjali għall-ordni pubbliku, ~~jew~~ għas-sigurtà pubblika ⇨ jew għas-saħħa pubblika ⇦ . ~~Il-kunċett ta' politika pubblika jista' jkopri kundanna għat-twettiq ta' delitt serju. F'dan il-kuntest, għandu jiġi notat li l-kunċett ta' politika pubblika u sigurtá pubblika jkopri wkoll każijiet fejn ċittadin ta' pajjiz terz jagħmel parti jew kien jagħmel parti minn assoċjazzjoni li tagħti sostenn lit-terroriżmu, li tagħti sostenn jew kienet tagħti sostenn lill-assoċjazzjoni bħal din, jew għandha jew kellha aspirazzjonijiet estremisti.~~

➔ 2004/114/KE premessa 15 (adattat)

(29) F'każ ta' dubju li jirrigwarda r-raġunijiet tal-applikazzjoni ~~tal-~~ ⌦ għall- ⌫ ammissjoni, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu l-provi kollha, li huma neċessarji biex issir valutazzjoni tal-koerenza tagħhom, b'mod partikolari abbażi tal-istudji ~~proposti~~ ⌦ previsti ⌫ mill-applikant ⌦ jew it-taħriġ ⌫, sabiex jiġu miġġielda l-abbuż u l-użu ħażin tal-proċedura stabbilita f'din id-Direttiva.

⇩ ġdid

(30) L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li japplikaw għall-ammissjoni fi Stati Membri skont din id-Direttiva, bid-deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni tagħhom. Huma għandhom jagħmlu dan bil-miktub kemm jista’ jkun malajr, u l-aktar tard fi żmien 60 jum, jew kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard minn 30 ġurnata fil-każ ta’ riċerkaturi u ta’ studenti koperti minn programmi tal-Unjoni inklużi l-miżuri għall-mobilità, skadenzi li jibdew mid-data tal-applikazzjoni.

➔ 2004/114/KE premessa 16 (adattat) ⇨ ġdid

(31) Il-mobilità ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~tal-istudenti~~, ⌦ tar-riċerkaturi, tal-istudenti u tal-apprentisti mħallsin ⌫ biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz ~~li jkunu qed jistudjaw f’diversi Stati Membri~~ għandha tiġi ffaċilitata, ~~kif ukoll l-ammissjoni ta’ ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qed jipparteċipaw fil-programmi Komunitarji sabiex tiġi promossa l-mobilità ġewwa u lejn il-Komunità għall-iskopijiet stabbiliti f’din id-Direttiva~~. ⇨ Għar-riċerkaturi, din id-Direttiva għandha ttejjeb ir-regoli li jirrigwardaw il-perjodu li għalih l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru għandha tkopri l-permanenza fi Stat Membru ieħor mingħajr ma jkun meħtieġ ftehim ta’ akkoljneza ġdid. Għandu jseħħ titjib fil-qagħda tal-istudenti u l-grupp il-ġdid ta’ apprentisti mħallsin, billi jitħallew joqogħdu fit-tieni Stat Membru għal perjodi li jtulu bejn it-tliet xhur u s-sitt xhur, dejjem jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet ġenerali stipulati f’din d-Direttiva. Għall-apprentisti biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz li ġejjin fl-Unjoni bħala ħaddiema bi trasferiment intrażjendali, dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-mobilita fl-Unjoni skont in-natura tat-trasferiment tagħhom għandhom japplilkaw skont [id-Direttiva 2013/xx/UE dwar it-trasferimenti intrażjendali].⇦

⇩ ġdid

(32) Ir-regoli tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni u l-programmi tal-Unjoni li jinkludu miżuri ta’ mobilità għandhom jikkumplementaw aktar lil xulxin. Riċerkaturi u studenti biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz koperti minn programmi tal-Unjoni bħal dawn għandhom ikunu intitolati jiċċaqalqu lejn l-Istati Membri previsti abbażi tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-ewwel Stat Membru, sakemm il-lista sħiħa ta’ dawn l-Istati Membri tkun magħrufa minn qabel ma jidħlu fl-Unjoni. Awtorizzazzjoni bħal din għandha tippermettilhom ikunu mobbli mingħajr il-ħtieġa li jipprovdu xi informazzjoni addizzjonali, jew li jwettqu xi proċedura ta’ applikazzjoni oħra. L-Istati Membri huma mħeġġa jiffaċilitaw il-mobilità fl-Unjoni ta’ voluntiera biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz, fejn il-programmi ta’ volontarjat ikopru aktar minn Stat Membru wieħed.

🡻 2004/114/KE premessa 18 (adattat)
⇨ ġdid

(33) Sabiex l-istudenti ⌦ biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz ⌫ ~~li għandhom ċittadinanza ta’ pajjiż terz~~ ikunu jistgħu jkopru ⇨ aħjar ⇦ parti mill-ispiża tal-istudju tagħhom, għandhom jingħataw aċċess ⇨ akbar ⇦ għas-suq tax-xogħol skont il-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva ⇨ , jiġifieri mill-inqas 20 siegħa fil-ġimgħa ⇦ . Il-prinċipju ta' aċċess għall-istudenti għas-suq tax-xogħol ~~taħt il-kondizzjonijiet ta' din id-Direttiva~~ għandu jkun regola ġenerali. Madankollu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jieħdu kont tas-sitwazzjoni tas-swieq tax-xogħol nazzjonali tagħhom, għalkemm dan ma jistax ipoġġi f’riskju li jiġi miċħud kompletament id-dritt li huma jaħdmu.

⇩ ġdid

(34) Bħala parti mill-ispinta sabiex fil-futur ikun hemm forza tax-xogħol kkwalifikata tajjeb, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-istudenti li jiggradwaw fl-Unjoni jibqgħu fit-territorju tagħhom biex jidentifikaw opportunitajiet ta’ xogħol jew jiftħu negozju fi żmien 12-il xahar wara li tiskadi tal-ewwel awtorizzazzjoni. . Huma għandhom ukoll jippermettu lir-riċerkaturi biex jagħmlu hekk wara li jlestu l-proġett ta’ riċerka tagħhom, kif definit fil-ftehim ta’ akkoljenza. Dan m’għandux jwassal għad-dritt awtomatiku ta’ aċċesss għas-suq tax-xogħol jew biex jinfetaħ negozju. Jistgħu skont l-Artikolu 24 jintalbu jagħtu prova.

(35) Id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva huma bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri li jirregolaw il-volum ta’ ammissjoni ta' ċittadini minn pajjiżi terzi għal skopijiet ta’ xogħol.

(36) Sabiex l-Unjoni ssir aktar attraenti għar-riċerkaturi, l-istudenti, l-istudenti tal-iskola, l-apprentisti, il-voluntiera u l-au-pairs biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz, huwa importanti li jiġi żgurat it-trattament ġust tagħhom skont l-Artikolu 79 tat-Trattat. Dawn il-gruppi huma intitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti skont id-Direttiva 2011/98/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2011, dwar proċedura ta’ applikazzjoni unika għal permess uniku

għal ċittadini ta’ pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta’ Stat Membru, u dwar ġabra komuni ta’ drittijiet għal ħaddiema ta’ pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru[24]. Aktar drittijiet favorevoli rigward il-fergħat tas-sigurtà soċjali għal trattament indaqs għandhom jibqgħu għal riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz, bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, kif definit fir-Regolament Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta’ sistemi ta’ sigurtà soċjali, minbarra d-drittijiet mogħtija skont id-Direttiva 2011/98/UE. Attwalment din tal-aħħar tipprevedi l-possibbiltà li l-Istati Membri jillimitaw it-trattament indaqs fir-rigward ta’ fergħat ta' sigurtà soċjali, inklużi l-benefiċċji tal-familja, u din il-possibbiltà ta’ limitazzjoni tista’ tolqot lir-riċerkaturi. Barra minn hekk, indipendentement minn jekk l-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti tagħtix lit-tfal tal-iskola, lill-voluntiera, lill-apprentisti mhux imħallsin u lill-au-pairs biċ-ċittadinanza ta’ pajjiz terz l-aċċess għas-suq tax-xogħol, huma għandhom igawdu d-drittijiet għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rigward aċċess għal oġġetti u servizzi kif ukoll il-forniment ta' oġġetti u servizzi disponibbli għall-pubbliku.

↓ 2004/114/KE premessa 23

(37) Din id-Direttiva m'għandha fl-ebda ċirkustanza taffetwa l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi[25].

↓ 2005/71/KE premessa 22 (adattat)

~~Din id-Direttiva m'għandha fl-ebda ċirkustanza taffetwa l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi[26].~~

↓ 2004/114/KE premessa 4 (adattat) ⇨ ġdid

(38) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea~~.~~ ⇨, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ⇦ .

↓ 2005/71/KE premessa 25 (adattat)

~~Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikulari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.~~

24 ĠU L 343, 23.12.2011, p. 1.
25 ĠU L 157, 15.6.2002, p. 1.
26 ~~OJ L 157, 15.6.2002, p. 1.~~

🡻 2004/114/KE premessa 5

(39) L-Istati Membri għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġni etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew opinjonijiet oħra, sħubija ma' minorità nazzjonali, proprjetà, twelid, diżabilità, età jew orjentazzjoni sesswali.

🡻 2005/71/KE premessa 24 (adattat)

~~L-Istati Membri għandhom jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' sess, razza, kulur, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, lingwa, reliġjon jew twemmin, opinjonijiet politiċi jew oħra, sħubija f'xi minoranza nazzjonali, fortuna, twelid, diżabbiltajiet, età jew orjentazzjoni sesswali.~~

⇩ ġdid

(40) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ħadu l-impenn li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni b'wieħed jew aktar mid-dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġustifikata.

🡻 2004/114/KE premessa 24 (adattat)
⇨ ġdid

(41) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex jiġu ddeterminati l-kondizzjonijiet ta' ~~ammissjoni~~ ⌦ dħul u residenza ⌫ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skop ta' ⌦ riċerka ⌫ studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas ⇨ jew bi ħlas ⇦, servizz volontarju ⇨ jew au pairing ⇦, ma jistax jintlaħaq f'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell ~~Komunitarju~~ ⌦ tal-Unjoni ⌫, ~~il-Komunita'~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ tista tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-objettiv.

🡻 2005/71/KE premessa 23 (adattat)

~~L-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-introduzzjoni ta' proċedura speċjali ta' ammissjoni u l-adozzjoni ta' kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi~~

~~terzi għal waqfiet ta' iktar minn tliet xhur fl-Istati Membri għall-finijiet tat-twettiq ta' proġett ta' riċerka taħt ftehim ta' akkoljenza ma' xi organizzazzjoni ta' riċerka, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri, speċjalment fir-rigward tal-kisba tal-mobbiltà bejn l-Istati Membri, u jistgħu għalhekk jinkisbu aħjar mill-Komunità. Il-Komunità għalhekk għandha l-jedd li tieħu miżuri skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà mwaqqaf fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.~~

⬇ 2004/114/KE premessa 22 (adattat)

(42) Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ġabra sħiħa possibbli ta' informazzjoni aġġornata regolarment tkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali, b'mod speċjali fuq l-Internet, ⌦ dwar l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, approvati skont din id-Direttiva, li magħhom ir-riċerkaturi jistgħu jikkonkludu ftehim ta' akkoljenza, u dwar il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal dħul u għal residenza fit-territorju rispettiv bl-iskop li ssir riċerka, kif adottati skont din id-Direttiva kif ukoll ⌫ ~~fir-rigward~~ ~~ta'~~ dwar ⌦ informazzjoni rigward ⌫ l-istituzzjonijiet kif definiti f'din id-Direttiva, il-korsijiet ta' studju li ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jidħlu għalihom u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għal dħul u residenza fit-territorju rispettiv b'dawn l-iskopijiet.

⬇ 2005/71/KE premessa 10 (adattat)

~~Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-iżjed informazzjoni komprensiva possibbli, li tinżamm aġġornata b'mod regolari, tkun disponibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-internet, dwar l-organizzazzjonijiet għar-riċerka, approvati taħt din id-Direttiva, li magħhom ir-riċerkaturi jistgħu jikkonkludu ftehim ta' akkoljenza, u dwar il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għad-dħul u r-residenza fit-territorju tiegħu għall-finijiet tar-riċerka, kif adottati taħt din id-Direttiva.~~

⬇ 2005/71/KE premessa 28 (adattat)

(43) [Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll ⌦ Nru 21 ⌫ dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda ⌦ fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja ⌫, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ ~~li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,~~ u bla ħsara għall-Artikolu 4 tal-imsemmi Protokoll, ~~ir-Renju Unit mhux qiegħed jipparteċipa~~ ⌦ dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem ⌫ fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u għalhekk ~~mhuwiex marbut~~ ⌦ mhumiex marbutin ⌫ biha jew suġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

⬇ 2005/71/KE premessa 29 (adattat)

(44) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat ~~li jistabbilixxi~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal- ⌫ ~~Komunità~~ ⌦ Unjoni ⌫ Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha~~,~~.

⬇ 2004/114/KE premessa 17 (adattat)

~~Sabiex jiġi permess id-dħul inizjali fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu joħorġu f'manjiera opportuna permess ta' residenza jew, jekk joħorġu permessi ta' residenza esklussivament fit-territorju tagħhom, viża.~~

⬇ 2004/114/KE premessa 19 (adattat)

~~Il-kunċett ta' awtorizzazzjoni minn qabel jinkludi wkoll l-għoti ta' permessi tax-xogħol lill-istudenti li jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika.~~

⬇ 2004/114/KE premessa 20 (adattat)

~~Din id-Direttiva ma taffetwax il-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tax-xogħol part-time.~~

⬇ 2004/114/KE premessa 21 (adattat)

~~Għandu jiġi provdut ukoll għall-proċeduri ta' ammissjoni aktar mgħaġġlin għall-iskop ta' studju jew skemi ta' skambju ta' studenti operati minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti fl-Istati Membri.~~

⬇ 2004/114/KE premessa 25 (adattat)

~~Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbutin jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha~~.

➔ 2004/114/KE premessa 26 (adattat)

Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-posizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitá Ewropea, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

---

➔ 2005/71/KE premessa 1 (adattat)

Bil-ħsieb li l-politika Ewropea dwar ir-riċerka tiġi kkonsolidata u mogħtija struttura, il-Kummissjoni ħasset il-ħtieġa f'Jannar tal-2000 li titwaqqaf Żona Ewropea għar-Riċerka bħala l-fus tal-azzjoni futura tal-Komunità f'dan il-qasam.

➔ 2005/71/KE premessa 2 (adattat)

Mal-approvazzjoni tiegħu taż-Żona Ewropea għar-Riċerka, il-Kunsill Ewropew ta' Liżbona f'Marzu tas-sena 2000 iddikjara bħala għan tal-Komunità li l-ekonomija tkun imsejsa fuq konoxxenza iktar kompetittiva u dinamika fid-dinja sa l-2010.

➔ 2005/71/KE premessa 3 (adattat)

Il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija tirrikjedi mobbiltà ikbar ta' riċerkaturi, ħaġa li ġiet rikonoxxuta mis-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea[27] meta din fetħet il-programmi tagħha iktar għar-riċerkaturi ta' pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea.

➔ 2005/71/KE premessa 4 (adattat)

In-numru ta' riċerkaturi li l-Komunità sejra jkollha bżonn sal-2010 sabiex tilħaq il-mira stabbilita mill-Kunsill Ewropew ta' Barċellona f'Marzu tas-sena 2002 li tinvesti 3 % tal-PGD fir-riċerka huwa stmat bħala 700000. Din il-mira għandha tintlaħaq permezz ta' sensiela ta' miżuri li jorbtu ma' xulxin, bħat-tisħiħ ta' l-attrazzjoni tal-karrieri xjentifiċi għaż-żgħażagħ, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fir-riċerka xjentifika, it-tkabbir tal-opportunitajiet għat-taħriġ u l-mobbiltà fir-riċerka, it-titjib tal-prospetti ta' karrieri għar-riċerkaturi fi ħdan il-Komunità u l-ftuħ tal-Komunità għal ċittadini minn pajjiżi terzi li jistgħu jitħallew jidħlu għall-finijiet ta' riċerka.

---

27 Deċiżjoni Nru 1513/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tikkonċerna s-sitt programm kwadru tal-Komunità Ewropea dwar l-attivitajiet ta' riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjonijiet li jikkontribwixxu għall-ħolqien taż-Żona Ewropea għar-Riċerka u l-innovazzjoni (mill-2002 sa l-2006) (ĠU L 232, tad-29.8.2002, p. 1), Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni Nru 786/2004/KE) (ĠU L 138, tat-30.4.2004, p. 7).

↓ 2005/71/KE premessa 6 (adattat)

~~L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tinkoraġġixxi eżodu ta' mħuħ minn pajjiżi emerġenti jew li qegħdin jiżviluppaw. Għandhom jittieħdu miżuri ta' appoġġ li jsostnu l-integrazzjoni mill-ġdid ta' riċerkaturi fil-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom kif ukoll il-moviment ta' riċerkaturi fi sħubija mal-pajjiżi tal-oriġini bil-ħsieb li titwaqqaf politika ta' migrazzjoni komprensiva.~~

↓ 2005/71/KE premessa 7 (adattat)

~~Huwa importanti wkoll, għall-kisba ta' l-għanijiet tal-proċess ta' Liżbona, it-tkattir tal-mobbiltà fi ħdan l-Unjoni ta' riċerkaturi li huma ċittadini ta' l-UE, partikolarment riċerkaturi li ġejjin mill-Istati li saru Membri fl-2004, għall-finijiet ta' riċerka xjentifika.~~

↓ 2005/71/KE premessa 8 (adattat)

~~Minħabba t-trasparenza imposta mill-bidliet fl-ekonomija dinjija u l-ħtiġijiet eventwali sabiex tintlaħaq il-mira ta' 3 % tal-PGD għall-investiment fir-riċerka, għandhom jiġu definiti fuq linji ġenerali r-riċerkaturi minn pajjiżi terzi li jkunu potenzjalment eliġibbli taħt din id-Direttiva skond il-kwalifiki tagħhom u l-proġett ta' riċerka li għalih ikunu qed jaħsbu li jwettqu.~~

↓ 2005/71/KE premessa 12 (adattat)

~~Fl-istess waqt, għandhom jinżammu l-modi ta' ammissjoni tradizzjonali (bħall-impjiegi u t-taħriġ fuq il-post tax-xogħol), speċjalment għal studenti dottorali li jwettqu riċerka bħala studenti, li għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u huma koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' studji, skambju ta' studenti, taħriġ mingħajr ħlas jew servizz volontarju[28].~~

↓ 2005/71/KE premessa 16 (adattat)

~~Din id-Direttiva tinvolvi titjib ulterjuri importanti ħafna fil-qasam tas-sigurtà soċjali billi l-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni japplika wkoll b'mod dirett għal persuni li deħlin fi Stat Membru direttament minn pajjiż terz. Minkejja dan, din id-Direttiva m'għandhiex tagħti iżjed drittijiet minn dawk diġà previsti fil-liġi Komunitarja eżistenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkollhom elementi transkonfinali bejn Stati Membri. Barra minn hekk, din id-Direttiva m'għandhiex tagħti drittijiet fir-rigward ta' sitwazzjonijiet li~~

[28] ~~ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12.~~

~~jaqgħu barra mill-ambitu ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja bħal, per eżempju, membri tal-familja li jirrisjedu f'pajjiż terz.~~

⬇ 2005/71/KE premessa 17 (adattat)

~~Huwa importanti li titħeġġeġ il-mobbiltà ta' ċittadini ta' pajjiż terz ammessi għall-finijiet ta' twettiq ta' riċerka xjentifika bħala mezz ta' żvilupp u konsolidament ta' kuntatti u retikolati bejn l-imsieħba u ta' twaqqif ta' l-irwol taż-Żona Ewropea għar-Riċerka (ERA) fuq livell dinji. Ir-riċerkaturi għandhom ikunu jistgħu jgawdu mill-mobbiltà taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti minn din id-Direttiva. Il-kondizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-mobbiltà taħt din id-Direttiva ma għandhomx jolqtu r-regoli li attwalment jirregolaw ir-rikonoxximent tal-validità tad-dokumenti ta' l-ivjaġġar.~~

⬇ 2005/71/KE premessa 18 (adattat)

~~Għandha tingħata attenzjoni speċjali għall-bżonn li tiġi aġevolata u sostnuta l-preservazzjoni ta' l-unità tal-familja tar-riċerkatur, skond ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2005 sabiex teħfief l-ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex iwettqu riċerka xjentifika fil-Komunità Ewropea[29] .~~

⬇ 2005/71/KE premessa 19 (adattat)

~~Sabiex tiġi preservata l-unità tal-familja u ssir possibbli l-mobbiltà, il-membri tal-familja għandhom ikunu jistgħu jingħaqdu mar-riċerkatur fi Stat Membru ieħor taħt il-kondizzjonijiet determinati mil-liġi nazzjonali ta' tali Stat Membru, inklużi l-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn ftehim bilaterali jew multilaterali.~~

⬇ 2005/71/KE premessa 20 (adattat)

~~Id-detenturi ta' permessi ta' residenza għandhom jitħallew jippreżentaw applikazzjoni għall-ammissjoni waqt li jibqgħu fuq it-territorju ta' l-Istat Membru konċernat.~~

⬇ 2005/71/KE premessa 21 (adattat)

~~L-Istati Membri għanu jkollhom il-jedd li jesiġu mill-applikanti l-ispejjeż għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza.~~

---

29 ~~Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.~~

🡻 2005/71/KE premessa 26 (adattat)

~~Konformement mal-paragrafu 34 tal-ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, l-Istati Membri ser ikunu mħeġġa jfasslu u jagħmlu pubbliċi, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, l-iskedi tagħhom li, sa fejn ikun possibbli, juru l-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni.~~

🡻 2005/71/KE premessa 27 (adattat)

~~Konformement ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u ta' l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, l-Irlanda, permezz ta' ittra ta' l-1 ta' Lulju 2004, għarraf ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.~~

⇩ ġdid

(45) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun ristrett għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostanzjali fid-Direttivi preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li mhumiex mibdula jiġu trasposti ġej mid-Direttivi ta' qabel.

(46) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta’ żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u d-dati għall-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness I, Parti B,

---

🡻 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tiddetermina:

(a) Il-kundizzjonijiet ~~għal ammissjoni~~ ⇨ għal dħul u residenza ⇦ ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri għal perjodu li jaqbeż ~~it-tliet xhur~~ 90 jum għal skop ta' ⇨ riċerka ⇦, studju, skambju ta’ studenti, taħriġ ⌦ bi ħlas u ⌫ bla ħlas, ~~jew~~ servizz volontarju, au pairing;

~~(b) ir-regoli dwar il-proċeduri għal ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri għal dawk il-finijiet.~~

⇩ ġdid

(b) il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ studenti biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz u l-apprentisti mħallsin għal perjodu li jaqbeż id-90 jum fi Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru li jkun l-ewwel wieħed li jagħti awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz abbażi ta’ din id-Direttiva;

(c) il-kundizzjonijiet ta’ dħul u residenza ta’ riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta’ pajjiż terz fi Stati Membri li mhumiex l-Istat Membru li jkun l-ewwel wieħed li jagħti awtorizzazzjoni liċ-ċittadin ta’ pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva.

🡻 2005/71/KE (adattat)

~~KAPITOLU I~~

~~DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI~~

~~Artikolu 1~~

~~Il-Fini~~

~~Din id-Direttiva tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-ammissjoni ta' riċerkaturi minn pajjiżi terzi fl-Istati Membri għal iktar minn tliet xhur għall-finijiet tat-twettiq ta' proġett ta' riċerka taħt ftehim ta' akkoljenza ma' organizzazzjoni ta' riċerka.~~

🡻 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 2

Kamp ta’ applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għal ċittadini ta’ pajjiż terz li japplikaw sabiex ikunu ammessi fit-territorju ta’ Stat Membru għal skop ta’ ⌦ riċerka ⌫ , studju, ⌦ skampbju tal-istudenti ⌫ , taħriġ ⇨ bi ħlas jew ⇦ ⌦ bla ħlas, servizz volontarju ⌫ ⇨ jew au pairing ⇦ .

2. Din id-Direttiva ma tapplikax għal ⌦ ċittadini ta' pajjiżi terzi ⌫ :

(a) ~~ċittadini ta' pajjiżi terzi~~ li huma residenti fi Stat Membru bħala persuni li qed ifittxu l-asil, jew taħt forom sussidjarji ta' protezzjoni jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanja;

(b) ~~ċittadini ta' pajjiżi terzi~~ li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi;

(c) ~~ċittadini ta' pajjiżi terzi~~ li huma membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li eżerċitaw id-dritt tagħhom għal moviment liberu fl-Unjoni;

(d) ~~ċittadini ta' pajjiż terz~~ li jgawdu minn status ta' residenti minn żmien twil fi Stat Membru skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[30] u jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor sabiex jistudjaw jew jirċievu taħriġ vokazzjonali;

(e) ~~ċittadini ta' pajjiż terz~~ li huma kkunsidrati bħala ~~ħaddiema jew~~ persuni li jaħdmu għal rashom skont il-leġislazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

⇩ ġdid

(b) li flimkien mal-membri tal-familja tagħhom, u irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, igawdu drittijiet ta' moviment liberu ekwivalenti għal dawk ta' ċittadini tal-Unjoni skont ftehim jew bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, jew bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

(g) apprentisti li jiġu fl-Unjoni fil-kuntest ta' trasferiment intrażjendali skont [id-Direttiva 2013/xx/UE dwar it-trasferimenti intrażjendali].

🡻 2004/114/KE (adattat)

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser ~~kwalunkwe~~ persuna li ma tkunx ċittadin tal-Unjoni skont l-Artikolu ~~17~~<u>20</u>(1) tat-Trattat;

🡻 2005/71/KE (adattat)

~~Artikolu 2~~

~~Definizzjonijiet~~

~~Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:~~

~~(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin ta' l-Unjoni fis-sens ta' l-Artikolu 17(1) tat-Trattat;~~

🡻 2005/71/KE

<u>(b)</u> ~~(d)~~ "riċerkatur" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu kwalifika ta' edukazzjoni għolja adegwata, li tagħti aċċess għal programmi ta' dottorat, li jiġi magħżul minn organizzazzjoni ta' riċerka għat-twettiq ta' proġett ta' riċerka li għalih tkun normalment meħtieġa l-kwalifika msemmija fuq;

---

[30] ĠU L 16, 23.1.2004, p. 44

⬇ 2004/114/KE

(c) ~~(b)~~ “student” tfisser ċittadin ta' pajjiż terz aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja u ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex isegwi bħala l-attività prinċipali tiegħu kors ta' studju full-time, li jwassal għal kwalifika ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-Istat Membru, inklużi diplomi, ċertifikati u lawrji dottorali, f’istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja fejn jista' jkopri kors preparatorju qabel it-tali edukazzjoni, skont il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu;

(d) ~~(c)~~ “student tal-iskola” tfisser ċittadin ta' pajjiż terz ammess fit-territorju ta' Stat Membru biex isegwi programm rikonoxxut ta' edukazzjoni sekondarja fil-kuntest ta' skema ta' skambju operata minn organizzazzjoni rikonoxxuta għal dan l-għan minn Stat Membru skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tiegħu;

⬇ 2004/114/KE (adattat)

(e) ~~(d)~~ “apprentist mhux imħallas” tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ġie ammess fit-territorju ta' Stat Membru għal perijodu ta' taħriġ mingħajr ħlas, skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali ~~tiegħu~~ ⌦ tal-Istat Membru kkonċernat ⌫;

⇩ ġdid

(f) “apprentist imħallas” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz li jkun ġie ammess fit-territorju ta’ Stat Membru għal perjodu ta' taħriġ li għalih jingħata ħlas skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat;

(g) “voluntier” tfisser ċittadin ta' pajjiż terz ammess fit-territorju ta’ Stat Membru biex jieħu sehem fi skema rikonoxxuta ta’ servizz volontarju;

⬇ 2004/114/KE (adattat)

(h)~~(f)~~ “skema ta' servizz volontarju” tfisser programm ta' attivitajiet ta' solidarjetà prattika, bbażat fuq ⌦ skema rikonoxxuta mill-Istat Membru ⌫ jew ⌦ l-Unjoni ⌫ ~~skema tal-Komunità~~, li għandha objettivi ta' interess ġenerali;

⇩ ġdid

(i) “au-pair” tfisser ċittadin ta’ pajjiż terz li temporanjament tilqgħu familja fit-territorju ta' Stat Membru biex iwettaq xogħol tad-dar ħafif u jieħu ħsieb it-tfal sabiex itejjeb il-ħiliet lingwistiċi kif ukoll l-għarfien tiegħu tal-pajjiż ospitanti;

↓ 2005/71/KE

(j) ~~(b)~~ "riċerka" tfisser xogħol kreattiv eżegwit fuq bażi sistematika sabiex jiżdied l-għarfien, inkluża l-konoxxenza dwar il-bniedem, il-kultura u s-soċjetà, u l-użu ta' dan l-għarfien sabiex jiġu żviluppati applikazzjonijiet ġodda;

(k) ~~(c)~~ "organizzazzjoni ta' riċerka" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni pubblika jew privata li twettaq riċerka u li ġiet approvata għall-iskop ta' din id-Direttiva minn Stat Membru skont il-liġi u l-prattika amministrattiva ta' dan tal-aħħar;

↓ 2004/114/KE (adattat)

(l) ~~(c)~~"istituzzjoni ⌦ edukativa ⌫ " tfisser istituzzjoni pubblika jew privata rikonoxxuta mill-Istat Membru ospitanti u/jew li l-korsijiet ta' studju tagħha huma rikonoxxuti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tiegħu, ⌦ abbażi ta' kriterji trasparenti ⌫ għall-iskopijiet stabbiliti f'din id-Direttiva;

⇩ ġdid

(m) "ħlas" tfisser il-pagament, fi kwalunkwe forma li jista' jkun, li wieħed jirċievi għas-servizzi mwettqa u li jiġi kkunsidrat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika stabbilita bħala element kostitwenti fir-relazzjoni ta' impjieg;

(n) "impjieg" tfisser l-eżerċizzju ta' attivitajiet li jkopru kull forma ta' ħidma jew xogħol irregolati mil-liġi nazzjonali jew minn prattika stabbilita taħt id-direzzjoni jew is-superviżjoni tal-impjegatur;

(o) "l-ewwel Stat Membru" tfisser l-Istat Membru li l-ewwel jagħti awtorizzazzjoni lil ċittadin ta' pajjiż terz abbażi ta' din id-Direttiva;

(p) "it-tieni Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru minbarra l-ewwel Stat Membru;

(q) "programmi tal-Unjoni li jinkludu miżuri ta' mobilità" tfisser programmi ffinanzjati mill-Unjoni li jippromwovu l-mobilità ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-Unjoni;

(r) "awtorizzazzjoni" tfisser permess ta' residenza maħruġ mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jippermetti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi permanenza legali fit-territorju tiegħu, skont l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 jew il-viża għal permanenza fit-tul;

(s) "viża għal permanenza fit-tul" tfisser awtorizzazzjoni maħruġa minn Stat Membru kif hemm stipulat fl-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni ta' Schengen, jew maħruġa skont il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri li ma jimplimentawx kompletament l-*acquis* ta' Schengen.

↓ 2004/114/KE

~~(g)"permess ta' residenza" jfisser kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li jippermetti lil ċittadin ta' stat terz joqgħod legalment fit-territorju tiegħu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 1(2) (a) tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002.~~

↓ 2005/71/KE (adattat)

~~(e) "permess ta' residenza" tfisser kwalunkwe awtorizzazzjoni li tindika fuqha stess it-terminu "riċerkatur" maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru, li tippermetti lil ċittadin ta' stat terz jibqa' legalment fit-territorju tiegħu, skond l-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002.~~

~~*Artikolu 3*~~

~~Kamp ta' applikazzjoni~~

~~1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw sabiex jiġu ammessi fit-territorju ta' Stat Membru għall-fini li jwettqu proġett ta' riċerka.~~

~~2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:~~

~~(a) ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fi Stat Membru bħala applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew taħt skemi ta' protezzjoni temporanji;~~

~~(b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw sabiex jirrisjedu fi Stat Membru bħala studenti fis-sens tad-Direttiva 2004/114/KE sabiex iwettqu riċerka li twassal għal dottorat;~~

~~(ċ) ċittadini ta' pajjiżi terzi li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi;~~

~~(d) riċerkaturi sekondati minn organizzazzjoni ta' riċerka għal organizzazzjoni ta' riċerka oħra fi Stat Membru ieħor.~~

↓ 2005/71/KE (adattat)

~~*Artikolu 4*~~

~~Dispożizzjonijiet aktar favorevoli~~

~~1. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli ta':~~

~~(a) kull ftehim bilaterali jew multilaterali konkluż bejn il-Komunità jew bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u wieħed jew iktar pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra;~~

~~(b) kull ftehim bilaterali jew multilaterali konkluż bejn wieħed jew iżjed Stati Membri u wieħed jew iżjed pajjiżi terzi.~~

~~2. Din id-Direttiva ma għandhiex tolqot il-jedd ta' Stati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għal persuni li għalihom hija tapplika.~~

↓ 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet aktar favorevoli

1. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet iktar favorevoli ta':

(a) ftehim bilaterali jew multilaterali ⌦ konkluż ⌫ bejn ~~il-Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ jew il-~~Komunità~~ ⌦ l-Unjoni ⌫ u l-Istati Membri tagħha u pajjiż terz jew aktar; jew

(b) ftehim bilaterali jew multilaterali ⌦ konkluż ⌫ bejn Stat Membru jew aktar u pajjiż terz jew aktar.

2. Din id-Direttiva tkun bla ħsara għad-dritt tal-Istati Membri biex jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li hija tapplika għalihom ⇨ skont l-Artikoli 21, 22, 23, 24, 25, u 29, speċjalment fil-kuntest ta' Sħubijiet għall-Mobilità ⇦ .

KAPITOLU II

~~KUNDIZZJONIJIET TA'~~ AMMISSJONI

↓ 2004/114/KE

Artikolu 5

Il-prinċipju

1. L-ammissjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz taħt din id-Direttiva tkun soġġetta għall-verifika ta' prova ddokumentata li turi li hu jilħaq il-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 6 u l-kundizzjoni speċifiċi li jkunu f'liema Artikoli jkunu mis-7 sal-~~11~~ 14, japplikaw għall-kategorija rilevanti.

⇩ ġdid

2. Ladarba l-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi kollha għall-ammissjoni jintlaħqu, l-applikanti jkunu intitolati għal viża għal permanenza fit-tul u/jew permess ta' residenza. Jekk Stat Membru joħroġ permessi ta' residenza fit-territorju tiegħu biss u mhux bnadi oħra, u l-kondizzjonijiet kollha ta'ammissjoni stabbiliti f'din id-Direttiva jintlaħqu, l-Istat Membru kkonċernat għandu joħroġ għaċ-ċittadin ta' pajjiż terż il-viża meħtieġa.

🡻 2004/114/KE

Artikolu 6

Kundizzjonijiet ġenerali

~~1.~~ Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika sabiex jiġi ammess għall-iskopijiet stabbiliti f'din id-Direttiva jrid:

(a) jippreżenta dokument tal-ivvjaġġar validu, kif iddeterminat mill-leġiżlazzjoni nazzjonali; Stati Membri jistgħu jeħtieġu li l-perijodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar ikopri mill-inqas it-tul tal-permanenza ppjanata;

🡻 2004/114/KE (adattat)

(b) jekk skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti huwa minorenni, trid tiġi ppreżentata awtorizzazzjoni tal-ġenituri ⌦ jew l-ekwivalenti ⌫ għall-permanenza ppjanata;

(c) ikollu assigurazzjoni kontra l-mard ~~fir-rispett tar-~~ ⌦ għar- ⌫ riskji kollha normalment koperti, bħaċ-ċittadini ~~tiegħu~~ fl-Istat Membru konċernat;

🡻 2004/114/KE

(d) ma jitqiesx bħala theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika;

(e) jipprovdi prova, jekk l-Istat Membru hekk jitlob, li huwa ħallas il-miżata għall-ipproċessar tal-applikazzjoni abbażi tal-Artikolu ~~20~~31.

⇩ ġdid

(f) jipprovdi l-prova mitluba mill-Istat Membru li matul is-soġġorn tiegħu huwa se jkollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri s-sussistenza tiegħu, it-taħriġ u l-ispejjeż għall-vjaġġ tar-ritorn, bla ħsara għall-valutazzjoni individwali ta' kull każ.

🡻 2004/114/KE (adattat)

~~2. Stati Membri għandhom jiffaċilitaw il-proċedura ta' ammissjoni għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti mill-Artikoli 7 sa 11 li jipparteċipaw f'programmi tal-Komunità li jsaħħu l-mobilità lejn jew fi ħdan il-Komunita' Ewropea.~~

🡻 2005/71/KE (adattat)

~~IL-KAPITOLU III~~

~~AMMISSJONI TA' RIĊERKATURI~~

~~Artikolu 7~~

~~Kondizzjonijiet għall-ammissjoni~~

~~1. Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika sabiex jiġi ammess għall-iskopijiet stabbiliti f'din id-Direttiva irid:~~

~~(a) jippreżenta dokument ta' l-ivjaġġar validu, kif determinat mil-liġi nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-perjodu ta' validità tad-dokument ta' l-ivjaġġar ikopri mill-inqas id-dewmien tal-permess ta' residenza,~~

~~(b) jippreżenta ftehim ta' akkoljenza ffirmat minn organizzazzjoni ta' riċerka skond l-Artikolu 6(2), u~~

~~(c) fejn ikun il-każ, jippreżenta dikjarazzjoni ta' responsabbiltà finanzjarja maħruġa mill-organizzazzjoni ta' riċerka skond l-Artikolu 6(3); u~~

~~(d) ma jkunx kunsidrat bħala theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà jew għas-saħħa pubblika.~~

~~L-Istati Membri għandhom jivverifikaw li l-kondizzjonijiet kollha msemmija fi (a), (b), (c) u (d) ikunu sodisfatti.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw ukoll it-termini li fuqhom ġie bbażat u konkluż il-ftehim ta' akkoljenza.~~

~~3. Ladarba l-verifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jiġu konklużi b'mod pożittiv, ir-riċerkaturi għandhom jiġu ammessi fit-territorju ta' l-Istati Membri sabiex jeżegwixxu l-ftehim ta' akkoljenza.~~

⇩ ġdid

Artikolu 7

Il-kundizzjonijiet speċifiċi għar-riċerkaturi

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6, ċittadin ta’ pajjiż terz li japplika biex ikun ammess sabiex jagħmel riċerka jrid:

(a) jippreżenta ftehim ta’ akkoljenza ffirmat ma' organizzazzjoni ta ‘riċerka skont l-Artikolu 9(1) u l-Artikolu 9(2);

(c) fejn ikun il-każ, jippreżenta dikjarazzjoni ta' responsabbiltà finanzjarja maħruġa mill-organizzazzjoni ta' riċerka skond l-Artikolu 9(3);

2. L-Istati Membri jistgħu jivverifikaw ukoll it-termini li fuqhom ġie bbażat u konkluż il-ftehim ta' akkoljenza.

3. Ladarba l-verifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jiġu konklużi b'mod pożittiv, ir-riċerkaturi jiġu ammessi fit-territorju tal-Istat Membru sabiex jagħmlu l-ftehim ta' akkoljenza.

4. Applikazzjonijiet minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jixtiequ jagħmlu riċerka fl-Unjoni jkunu kkunsidrati u eżaminata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qed jirrisjedi barra t-territorju tal-Istat Membru li fih huwa jixtieq li jiġi ammess.

5. L-Istati Membri jistgħu jaċċettaw, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, applikazzjoni ppreżentata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun diġà jinsab fit-territorju tagħhom.

6. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għall-permessi ta' residenza għandhomx jintefgħu mir-riċerkatur jew mill-organizzazzjoni ta' riċerka kkonċernata.

⇓ 2005/71/KE (adattat)

~~KAPITOLU II~~

~~ORGANIZZAZZJONIJIET TA' RIĊERKA~~

Artikolu ~~5~~8

L-approvazzjoni ⌦ tal-organizzazzjonijite ta' riċerka ⌫

⇓ 2005/71/KE

1. Kwalunkwe organizzazzjoni ta' riċerka li tixtieq tospita riċerkatur taħt il-proċedura ta' ammissjoni stabbilita f'din id-Direttiva trid għal dan l-għan l-ewwel tiġi approvata mill-Istat Membru kkonċernat.

2. L-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka għandha tikkonforma mal-proċeduri stabbiliti fil-liġi nazzjonali jew tal-prattika amministrattiva tal-Istati Membri. L-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni li jsiru minn organizzazzjonijiet kemm pubbliċi kif ukoll privati għandhom isiru skond dawn il-proċeduri u għandhom ikunu bbażati fuq il-kompiti statutorji jew l-għanijiet korporattivi tagħhom, skont il-każ, u fuq il-prova li jwettqu riċerka.

L-approvazzjoni mogħtija lil organizzazzjoni ta' riċerka għandha tkun għal perjodu minimu ta' ħames snin. F'każijiet eċċezzjonali, l-Istati Membri jistgħu jagħtu approvazzjoni għal perjodu iqsar.

3. L-Istati Membri jistgħu jesiġu, skond il-liġi nazzjonali, l-impenn bil-miktub tal-organizzazzjoni ta' riċerka li f'każijiet fejn riċerkatur jibqa' illegalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, l-organizzazzjoni msemmija tkun responsabbli għar-rimborż tal-ispejjeż relatati mal-permanenza u r-ritorn tiegħu li jkunu tħallsu mill-fondi pubbliċi. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjoni ta' riċerka għandha tintemm l-iktar tard sitt xhur wara li jintemm il-ftehim ta' akkoljenza.

4. L-Istati Membri jistgħu jistipulaw li, fi żmien xahrejn mid-data tal-iskadenza tal-ftehim ta' akkoljenza kkonċernat, l-organizzazzjoni approvata għandha tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti, magħżulin għal dan il-għan mill-Istati Membri, konferma li x-xogħol ġie

mwettaq għal kull wieħed mill-proġetti ta' riċerka li dwaru ġie ffirmat ftehim ta' akkoljenza skond l-Artikolu ~~6~~9.

⬇ 2005/71/KE (adattat)

5. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru jippubblikaw u jaġġorna ~~regolarment~~ il-listi tal-organizzazzjonijiet ta’ riċerka approvati skont din id-Direttiva, ⌦ kull meta ssir tibdila f’dawn il-listi ⌫ .

⬇ 2005/71/KE

6. Stat Membru jista’, fost miżuri oħra, jirrifjuta li jġedded jew jiddeċiedi li jirtira l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni ta’ riċerka li ma tkunx għadha tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4, jew inkella f'każijiet fejn l-approvazzjoni tkun inkisbet b'mod frodulenti jew meta organizzazzjoni ta’ riċerka tkun iffirmat ftehim ta’ akkoljenza ma' ċittadin ta’ pajjiż terz b’mod frodulenti jew b'negliġenza. Meta l-approvazzjoni tkun ġiet irrifjutata jew irtirata, l-organizzazzjoni kkonċernata tista’ tiġi pprojbita milli tapplika mill-ġdid għal approvazzjoni għal mhux aktar minn ħames snin mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-irtirar jew in-nuqqas ta’ tiġdid.

7. L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw fil-liġijiet nazzjonali tagħhom il-konsegwenzi tal-irtirar tal-approvazzjoni jew tar-rifjut li tiġi mġedda l-approvazzjoni għal kull ftehim ta' akkoljenza eżistenti, konkluż skond l-Artikolu ~~6~~9, kif ukoll il-konsegwenzi għall-permessi ta' residenza tar-riċerkaturi kkonċernati.

⬇ 2005/71/KE (adattat)

Artikolu ~~6~~9

Ftehim ta' akkoljenza

1. Organizzazzjoni ta’ riċerka li tixtieq tospita riċerkatur għandha tiffirma ftehim ta’ akkoljenza ma' tal-aħħar ~~fejn ir-riċerkatur jintrabat li jlesti l-proġett ta’ riċerka, u l-organizzazzjoni timpenja ruħha biex tospita lir-riċerkatur għal dan il-għan bla ħsara għall-Artikolu~~ ⌦ dejjem jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u ⌫ 7 ⌦ jintlaħqu ⌫.

⇩ ġdid

Il-ftehim ta’ akkoljenza għandu jkun fih mill-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) It-titolu u l-għan tal-proġett ta’ riċerka;

(b) impenn mir-riċerkatur biex jitlesta l-proġett ta’ riċerka;

(c) konferma mill-organizzazzjoni li timpenja ruħha li tospita lir-riċerkatur sabiex ikun jista’ jlesti l-proġett ta’ riċerka;

(d) id-data ta’ meta se jibda u jintemm il-proġett ta’ riċerka;

(e) informazzjoni dwar ir-relazzjoni legali bejn l-organizzazzjoni tar-riċerka u r-riċerkatur;

(f) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkatur.

🡻 2005/71/KE

2. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka jistgħu jiffirmaw ftehim ta' akkoljenza dejjem jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-proġett ta' riċerka jkun ġie aċċettat mill-awtoritajiet rilevanti tal-organizzazzjoni, wara li ssir verifika ta' li ġej:

(i) l-għan u t-tul tar-riċerka, u d-disponibbiltà tar-riżorsi finanzjarji meħtieġa sabiex din titwettaq;

(ii) il-kwalifiki tar-riċerkatur fid-dawl tal-għanijiet tar-riċerka, kif iċċertifikati minn kopja awtentikata tal-kwalifika tiegħu, skont l-Artikolu 2~~(d)~~(b);

🡻 2005/71/KE (adattat)

~~(b) tul il-waqfa tiegħu, ir-riċerkatur ikollu riżorsi suffiċjenti kull xahar sabiex ilaħħaq mal-ispejjeż tiegħu, inklużi l-ispejjeż tar-ritorn, skond l-ammont minimu ppubblikat għal dan l-għan mill-Istat Membru, mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' assistenza soċjali tal-Istat Membru;~~

~~(ċ) tul il-waqfa tiegħu, ir-riċerkatur ikun kopert minn assigurazzjoni għall-mard u r-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat.~~

~~(d) il-ftehim ta' akkoljenza jispeċifika r-relazzjoni legali u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi.~~

🡻 2005/71/KE

3. Ladarba jiġi ffirmat il-ftehim ta' akkoljenza, l-organizzazzjoni ta' riċerka tista' tiġi mitluba, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi lir-riċerkatur b'dikjarazzjoni individwali li ttieħdet ir-responsabbiltà finanzjarja għall-ispejjeż skont l-Artikolu ~~5~~8(3).

4. Il-ftehim ta' akkoljenza għandu jiskadi awtomatikament meta r-riċerkatur ma jiġix ammess jew meta r-relazzjoni legali bejn ir-riċerkatur u l-organizzazzjoni ta' riċerka tintemm.

5. L-organizzazzjonijiet ta' riċerka għandhom minnufih jinfurmaw lill-awtorità magħżula għal dak l-għan mill-Istati Membri bi kwalunkwe avveniment li x'aktarx jimpedixxi l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' akkoljenza.

🡻 2004/114/KE (adattat)

Artikolu ~~7~~10

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-istudenti

1. Minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6, ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex jiġi ammess għall-finijiet ta' studju għandu:

(a) ⌦ jagħti prova li huwa ġie ⌫ aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja biex jagħmel kors ta' studju;

(b) ~~(d)~~ jagħti prova, jekk l-Istat Membru jeħtieġ hekk, li huwa ħallas il-miżati mitluba mill-istituzzjoni~~.~~ ;

~~(b) jipprovdi/tipprovdi l-provi mitluba minn Stat Membru li matul il-qagħda tiegħu/tagħha jkollu/jkollha riżorsi biżżejjed biex ikopri/tkopri s-sussistenza, l-istudju u l-ispejjeż tal-vjaġġ lura tiegħu/tagħha. Stati Membri għandhom jippubblikaw ir-riżorsi minimi ta' kull xahar meħtieġa għall-fini ta' din id-disposizzjoni, mingħajr preġudizzju għal eżami individwali ta' kull każ;~~

(c) jagħti prova, jekk l-Istat Membru hekk jeħtieġ, li għandu għarfien suffiċjenti tal-lingwa tal-kors li se jsegwi;

2. Studenti li awtomatikament jikkwalifikaw għal assigurazzjoni kontra l-mard ⌦ fir-rispett tar- ⌫ għar-riskji kollha li normalment ikunu koperti għalihom iċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat bħala riżultat ta' reġistrazzjoni f'istituzzjoni, għandhom jitqiesu li jilħqu l-kondizzjoni tal-Artikolu 6(1)(ċ).

~~*Artikolu 8*~~

~~**Mobilità ta' studenti**~~

~~1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 12(2), 16 u 18(2), ċittadin ta' pajjiż terz li diġà ġie ammess bħala student u japplika biex isegwi parti mill-istudji li diġà beda fi Stat Membru ieħor, jew jikkumplimenthom b'kors ta' studju relatat fi Stat Membru ieħor, għandu jiġi ammess mill-Istat Membru tal-aħħar f'perijodu li ma jfixkilx it-tkomplija tal-istudji rilevanti, waqt li jħalli lill-awtoritajiet kompetenti żmien biżżejjed biex jipproċessaw l-applikazzjoni, jekk hu/hi:~~

~~(a) jilħaq/tilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 fir-rigward ta' dak l-Istat Membru; u~~

~~(b) bagħat/bagħtet, mal-applikazzjoni għall-ammissjoni tiegħu/tagħha, prova dokumentata sħiħa tar-rendikont akademiku tiegħu/tagħha u provi li l-kors li hu/hi jixtieq ikompli/tixtieq tkompli jikkumplimenta b'mod ġenwin dak li hu/hi spiċċa/t; u~~

~~(c) jieħu sehem/tieħu sehem fi programm ta' skambju tal-Komunità jew bilaterali jew ġie ammess bħala student fi Stat Membru għal mhux inqas minn sentejn.~~

~~2. Il-ħtiġijiet imsemmija fil-paragrafu 1(ċ) ma għandhomx japplikaw fil-każ fejn l-istudent, fil-qafas tal-programm ta' studju tiegħu/tagħha ikollu jsegwi b'mod obbligatorju bħala parti mill-korsijiet tiegħu/tagħha korsijiet fi stabbiliment ta' Stat Membru ieħor.~~

~~3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru għandhom, fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru jipprovdu l-informazzjoni xierqa fir-rigward tal-qagħda ta' l-istudent fit-territorju tal-ewwel Stat Membru.~~

↓ 2004/114/KE (adattat)

Artikolu ~~9~~11

Kondizzjonijiet speċifiċi għall-istudenti tal-iskola

1. ~~Bla ħsara għall-Artikolu 3~~, ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex jiġi ammess fi skema ta' skambju tal-istudenti għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:

↓ 2004/114/KE

(a) ma jkunx taħt l-età minima jew 'il fuq mill-età massima stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) jagħti prova li ġie aċċettat f'istituzzjoni ta' edukazzjoni sekondarja;

(ċ) jagħti prova ta' parteċipazzjoni fi programm rikonoxxut ta' skema ta' skambju tal-istudenti operat minn organizzazzjoni rikonoxxuta għal dan l-għan mill-Istat Membru kkonċernat, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-prattika amministrattiva tiegħu;

(d) jagħti prova li l-organizzazzjoni tal-iskambju tal-istudenti taċċetta li tkun responsabbli għalih waqt il-perijodu li jkun fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu s-sussistenza, l-istudju, il-ħarsien tas-saħħa u l-ispejjeż għall-vjaġġ lura;

(e) jirrisjedi ma' familja li tilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat u magħżul skont ir-regoli tal-iskema ta' skambju tal-istudenti li fiha qed jipparteċipa.

2. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-ammissjoni ta' studenti tal-iskola li qed jipparteċipaw fi skema ta' skambju għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li joffru l-istess possibbiltà liċ-ċittadini tagħhom stess.

↓ 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu ~~10~~12

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-apprentisti ~~mhux imħallsin~~

1. ~~Bla ħsara għall-Artikolu 3,~~ Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex jiġi ammess bħala apprentist mhux mħallas ⇨ jew mħallas ⇦ , għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:

(a) ikun iffirma ftehim ta' taħriġ, approvat jekk hemm bżonn mill-awtorità rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tiegħu, għal kollokament ~~mingħajr ħlas~~ ma' impriża fis-settur pubbliku jew privat jew istituzzjoni ta' taħriġ vokazzjonali rikonoxxuti mill-Istat Membru skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tiegħu~~;~~.

⇩ ġdid

(b) jipprova, jekk l-Istat Membru jkun jeħtieġ dan, li għandu l-edukazzjoni rilevanti preċedenti jew il-kwalifiki jew l-esperjenza professjonali sabiex jibbenefika mill-esperjenza ta’ xogħol.

🡻 2004/114/KE

~~(b) jipprovdi/tipprovdi l-provi mitluba minn Stat Membru li matul il-waqfa tiegħu/tagħha jkollu/jkollha riżorsi biżżejjed biex ikopri/tkopri s-sussistenza, l-istudju u l-ispejjeż tal-vjaġġ lura tiegħu/tagħha. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-riżorsi minimi ta' kull xahar meħtieġa għall-fini ta' din id-disposizzjoni, mingħajr preġudizzju għal eżami individwali ta' kull każ;~~

🡻 2004/114/KE

(c) jirċievi, jekk l-Istat Membru hekk jeħtieġ, taħriġ basiku tal-lingwa sabiex jakkwista l-għarfien meħtieġ għall-finijiet tal-impieg.

⇩ ġdid

Il-ftehim imsemmi fil-punt (a) jiddeskrivi l-programm ta’ taħriġ, jispeċifika t-tul tiegħu, il-kundizzjonijiet li dwarhom l-apprentist taħt monitoraġġ waqt li jwettaq il-programm, is-sigħat ta’ xogħol tiegħu, ir-relazzjoni legali mal-entità ospitanti u, fejn l-apprentist ikun mħallas, il-ħlas mogħti lilu.

2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-entità ospitanti biex tiddikjara li ċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ma jkunx qed jieħu impjieg.

🡻 2004/114/KE (adattat)

Artikolu ~~11~~13

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-voluntiera

~~Bla ħsara għall-Artikolu 3~~, Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex jiġi ammess fi skema ta' servizz volontarju għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:

~~(a) ma jkunx taħt l-età minima jew 'il fuq mill-età massima stabbilita mill-Istat Membru kkonċernat;~~

🡻 2004/114/KE

(a) ~~(b)~~ jipproduċi l-ftehim ta’ mal-organizzazzjoni responsabbli fl-Istat Membru kkonċernat għall-iskema ta' servizz volontarju li fiha hu qed jipparteċipa, u jagħti

deskrizzjoni tal-kompiti, il-kundizzjonijiet li fihom hu qiegħed taħt monitoraġġ waqt li jwettaq dawn il-kompiti, is-sigħat ta' xogħol tiegħu, ir-riżorsi disponibbli biex ikopru l-vjaġġ, is-sussistenza, l-ispejjeż ta' akkomodazzjoni u s-somom żgħar ta' flus li jaqla' tul il-permanenza tiegħu, u jekk ikun il-każ, it-taħriġ li ser jirċievi biex jgħinu jagħti servizz;

➜ 2004/114/KE

(b) ~~(c)~~ jagħti prova li l-organizzazzjoni responsabbli mill-iskema ta' servizz volontarju li fiha qed partecipa, għandha polza ta' assigurazzjoni għall-partijiet terzi; ~~u li hija totalment responsabbli għalih tul il-permanenza tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tas-sussistenza, il-kura tas-saħħa u l-ispejjeż tal-vjaġġ tar-ritorn tiegħu;~~

➜ 2004/114/KE

~~(d)~~ (c) u, jekk l-Istat Membru li jospita jitlob hekk b'mod speċifiku, jirċievi tagħlim bażiku fil-lingwa, fl-istorja u fl-istrutturi politiċi u soċjali ta' dan l-Istat Membru.

⇩ (ġdid)

Artikolu 14

Kundizzjonijiet speċifiċi għall-au-pairs

Ċittadin ta' pajjiż terz li japplika biex ikun ammess sabiex jaħdem bħala au-pair għandu, minbarra l-kundizzjonijiet ġenerali stipulati fl-Artikolu 6:

(a) jkollu mill-inqas 17-il sena iżda mhux aktar minn 30 jew, ħlief f'xi każijiet iġġustifikati individwalment, aktar minn 30 sena;

(b) jagħti prova li l-familja ospitanti hija responsabbli għalih tul il-perjodu li jkun fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari rigward is-sussistenza, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa, il-maternità jew ir-riskji għall-inċidenti;

(c) jippreżenta ftehim bejn l-au-pair u l-familja ospitanti li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tiegħu, inklużi speċifikazzjonijiet bħas-somom żgħar ta' flus li għandhom jingħataw u l-arranġamenti adegwati li jippermettulu jattendi korsijiet kif ukoll il-parteċipazzjoni fid-dmirijiet ta' kuljum tal-familja.

➜ 2005/71/KE

~~*Artikolu 9*~~

~~**Membri tal-familja**~~

~~1. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jagħti permess ta' residenza lill-membri tal-familja ta' riċerkatur, id-dewmien tal-validità tal-permess ta' residenza tagħhom għandu jkun l-istess bħal dak tal-permess ta' residenza maħruġ għar-riċerkatur safejn il-perjodu ta' validità tad-~~

~~dokumenti tal-ivjaġġar tagħhom jippermetti. F'każijiet debitament ġustifikati, id-dewmien tal-permess ta' residenza tal-membru tal-familja tar-riċerkatur jista' jiqsar.~~

~~2. Il-ħruġ ta' permess ta' residenza għall-membri tal-familja tar-riċerkatur ammessi fi Stat Membri ma għandux ikun suġġett għar-rekwiżit ta' perjodu minimu ta' residenza tar-riċerkatur.~~

⇩ ġdid

IL-KAPITOLU III

L-AWTOTRIZZAZZJONIJIET U T-TUL TA' ŻMIEN TA' RESIDENZA

Artikolu 15

Awtorizzazzjonijiet

Viżi għal permanenza fit-tul u permessi ta' residenza jkollhom it-titolu "riċerkatur", "student", "voluntier", "student tal-iskola", "apprentist imħallas", "apprentist mhux imħallas" jew "au-pair". Għal riċerkaturi u studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz li ġejjin fl-Unjoni taħt programm speċifiku tal-Unjoni li jinkludi l-miżuri għall-mobilità, l-awtorizzazzjoni ssemmi l-programm speċifiku.

🡻 2005/71/KE (adattat)
⇨ ġdid

Artikolu ~~8~~ 16

It-tul ta' żmien ta' ~~permess ta'~~ residenza

1. Stat Membru joħroġ ~~permess ta' residenza~~ ⇨ awtorizzazzjoni għar-riċerkaturi ⇦ għal perjodu ta' mill-inqas sena u jġeddidha jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6~~,~~ ~~u~~ 7 ⌦ u 9 ⌫ jibqgħu jintlaħqu. Jekk il-proġett ta' riċerka huwa skedat li jdum anqas minn sena, ~~il-permess ta' residenza~~ ⇨ l-awtorizzazzjoni ⇦ tinħareġ għal kemm itul il-proġett.

⇩ ġdid

2. L-Istati Membri joħorġu awtorizzazzjoni għall-istudenti għal perjodu ta' mill-inqas sena u jġedduha jekk il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 6 u 10 jibqgħu jintlaħqu. Jekk il-perjodu ta' studju huwa skedat li jdum anqas minn sena, l-awtorizzazzjoni tinħareġ għal kemm itul l-istudju.

3. Għat-tfal tal-iskola u l-au-pairs, l-Istati Membri joħorġu awtorizzazzjoni għal perjodu massimu ta' sena.

🡻 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

4. Il-perijodu ta' validità ta' ~~permess ta' residenza~~ ⇨ awtorizzazzjoni ⇦ maħruġa lill-apprentisti ~~mhux imħallsin~~ għandu jikkorrispondi għat-tul tal-kollokament, jew għandu jkun l-aktar għal sena. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jiġi mġedded, darba biss ⇨ u f'forma ta' permess ⇦, u esklussivament għal dak iż-żmien meħtieġ sabiex tiġi akkwistata kwalifika vokazzjonali rikonoxxuta minn Stat Membru skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-prattika amministrattiva tiegħu, sakemm id-detentur jibqa' jilħaq il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u ~~10~~ ⌦ 12 ⌫.

5. ⇨ Awtorizzazzjoni ⇦ ~~permess ta' residenza~~ maħruġa lil voluntiera għandha tinħareġ għal perjdu ta' mhux aktar minn sena. F'każijiet eċċezzjonali, jekk it-tul tal-programm rilevanti jkun ta' aktar minn sena, it-tul tal-validità ~~tal-permess ta' residenza~~ ⇨ tal-awtorizzazzjoni meħtieġa ⇦ jista' jikkorrispondi għall-perijodu kkonċernat.

6. F'każijiet fejn l-Istati Membri jippermettu d-dħul u r-residenza abbażi ta' viża għal permanenza fit-tul, il-permess ta' residenza jinħareġ mal-ewwel estensjoni tal-permanenza inizjali. Fejn il-validità tal-viża għal permanenza fit-tul hija iqsar mit-tul tal-permanenza awtorizzat, il-viża għal permanenza fit-tul tiġi sostitwita b'permess ta' residenza mingħajr formalitajiet addizzjonali, qabel ma tiskadi l-viża.

Artikolu 17

Informazzjoni addizzjonali

L-Istati Membri jistgħu jindikaw informazzjoni addizzjonali relatata mal-permanenza taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, bħal lista sħiħa tal-Istati Membri fejn ir-riċerkatur jew l-istudent għandu l-ħsieb li jmur, f'format ta' karta, jew jaħżnu din id-dejta f'format elettroniku kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1030/2002 u fil-punt (a) 16 tal-Anness tiegħu.

🡻 2004/114/KE (adattat)

IL-KAPITOLU IV

IL-PERMESSI TA' RESIDENZA, RAĠUNIJIET GĦAR-RIFJUT, GĦALL-IRTIRAR JEW GĦAN-NUQQAS TA' TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONIJIET

~~*Artikolu 12*~~

~~**Permess ta' residenza maħruġ lil studenti**~~

~~1. Permess ta' residenza għandu jinħareġ lill-istudent għal perijodu ta' mill-inqas sena u jkun rinovabbli jekk id-detentur jibqa' jilħaq il-kondizzjonijiet tal-Artikoli 6 u 7. Fejn it-tul tal-kors ta' studju hu inqas minn sena, il-permess għandu jkun validu għat-tul tal-kors.~~

~~2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, it-tiġdid ta' permess ta' residenza jista' jiġi rifjutat jew il-permess jista' jiġi rtirat jekk id-detentur:~~

~~(a) ma jirrispettax il-limiti mposti dwar l-aċċess għal attivitajiet ekonomiċi taħt l-Artikolu 17 ta' din id-Direttiva;~~

~~(b) ma jagħmilx progress aċċettabbli fl-istudji tiegħu/tagħha skond il-leġislazzjoni nazzjonali u l-prattika amministrattiva.~~

~~Artikolu 13~~

~~Permess ta' residenza maħruġ lil studenti tal-iskola~~

~~Permess ta' residenza maħruġ lil studenti tal-iskola għandu jkun maħruġ biss għal perijodu ta' mhux iżjed minn sena.~~

~~Artikolu 14~~

~~Permess ta' residenza maħruġ lil persuni li jitħarrġu mingħajr ħlas~~

~~Il-perijodu ta' validità ta' permess ta' residenza maħruġ lil persuni li jitħarrġu mingħajr ħlas għandu jikkorrispondi għat-tul tal-impieg u għandu jkun għal massimu ta' sena. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jiġi mġedded, darba biss u esklussivament għal tali żmien kif meħtieġ biex tiġi akkwistata kwalifikazzjoni vokazzjonali rikonoxxuta minn Stat Membru skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-prattika amministrattiva tiegħu, sakemm id-detentur jibqa' jilħaq il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 6 u 10.~~

~~Artikolu 15~~

~~Permess ta' residenza maħruġ lil voluntiera~~

~~Permess ta' residenza maħruġ lil voluntiera għandu jkun maħruġ biss għal perijodu ta' mhux iżjed minn sena. F'każijiet eċċezzjonali, jekk it-tul tal-programm rilevanti hu iktar minn sena, it-tul tal-validità tal-permess ta' residenza jista' jikkorrispondi għall-perijodu kkonċernat.~~

⇩ ġdid

Artikolu 18

Raġunijiet għar-rifjut ta’ applikazzjoni

1. F’dawn il-każijiet l-Istati Membri jirrifjutaw applikazzjoni:

(a) meta l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 6 u l-kundizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fl-Artikoli 7 u minn 10 sa 16 ma jintlaħqux;

(b) meta d-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b’mod frodulenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(c) meta l-entità ospitanti jew l-istituzjoni edukattiva jkunu ġew stabbiliti bl-iskop ewlieni li jiffaċilitaw id-dħul;

(d) meta l-entità ospitanti tkun ġiet sanzjonata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali għax-xogħol mhux iddikjarat u/jew għall-impjieg illegali jew ma tissodisfax l-obbligi legali fir-rigward tas-sigurtà soċjali u/jew tat-tassazzjoni kif stipulat fil-liġi nazzjonali jew tkun iddikjarat stat ta’ falliment jew inkella hija insolventi;

(e) meta l-familja ospitanti, jew jekk applikabbli, xi organizzazzjoni intermedjarja involuta fil-kollokament tal-au-pair, tkun ġiet issanzjonata f’konformità mal-liġi nazzjonali

għall-ksur tal-kundizzjonijiet u/jew tal-objettivi tal-kollokament tal-au-pair u/jew għall-impjieg illegali.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw applikazzjoni jekk l-entità ospitanti tidher li tkunu deliberatament eliminat il-pożizzjonijiet li qiegħda tipprova timla permezz tal-applikazzjoni l-ġdida fi żmien it-12-il xahar li jiġu fis qabel id-data tal-applikazzjoni.

🡻 2004/114/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu ~~16~~ 19

⇨ Raġunijiet għall- ⇦ ~~I~~irtirar ~~jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' permessi ta' residenza~~ ⇨ ta' awtorizzazzjoni ⇦

1. Stati Membri ~~jistgħu~~ jirtiraw ~~jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza maħruġ abbażi ta' din id-Direttiva meta ġie akkwistat b'mod qarrieqi jew kull fejn jidher li d-detentur ma laħaqx jew ma għadux jilħaq il-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza mniżżla fl-Artikolu 6 u kwalunkwe kondizzjoni fl-Artikoli 7 sa 11 li tapplika għall-kategorija rilevanti.~~ ⇨ awtorizzazzjoni f'dawn il-każijiet: ⇦

⇩ ġdid

(a) meta l-awtorizzazzjonijiet u d-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frodulenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(b) meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi għal skop ieħor u mhux għal dak li ġie awtorizzat għalih;

(c) meta l-entità ospitanti tkun ġiet stabbilita bl-uniku skop li tiffaċilita d-dħul;

(d) meta l-entità ospitanti ma tissodisfax l-obbligi legali fir-rigward tas-sigurtà soċjali u/jew tat-tassazzjoni stipulati fil-liġi nazzjonali jew tkun iddikjarat stat ta' falliment jew inkella hija insolventi;

(e) meta l-familja ospitanti, jew jekk applikabbli, xi organizzazzjoni intermedjarja involuta fil-kollokament tal-au-pair, tkun ġiet issanzjonata f'konformità mal-liġi nazzjonali għall-ksur tal-kundizzjonijiet u/jew tal-objettivi tal-kollokament tal-au-pair u/jew għall-impjieg illegali;

(f) għall-istudenti, meta l-limiti ta' żmien imposti fuq l-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 23 ma jiġux irrispettati, jew jekk l-istudent rispettiv ma jagħmilx progress aċċettabbli fl-istudju rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

🡻 2004/114/KE (adapted) ⇨ ġdid

2. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw ~~jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza~~ ⇨ awtorizzazzjoni ⇦ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika.

🡣 2005/71/KE

~~Artikolu 10~~

~~Irtirar jew rifjut ta' tiġdid ta' permess ta' residenza~~

~~1. L-Istati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza maħruġ abbażi ta' din id-Direttiva meta dan ġie miksub b'mod qarrieqi jew kull fejn jidher li d-detentur ma ssodisfax jew ma għadux jissodisfa l-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza previsti fl-Artikoli 6 u 7 jew qiegħed jirrisjedi għal finijiet differenti minn dawk li għalihom kien awtorizzat jirrisjedi.~~

~~2. Stati Membri jistgħu jirtiraw jew jirrifjutaw li jġeddu permess ta' residenza għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, sigurtà pubblika u saħħa pubblika.~~

⇩ ġdid

Artikolu 20

Raġunijiet għan-nuqqas ta’ tiġdid ta' awtorizzazzjoni

1. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-awtorizzazzjoni u d-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b’mod frodulenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(b) meta jkun jidher li d-detentur ma jissodisfax aktar il-kundizzjonijiet ġenerali għal dħul u residenza stipulati fl-Artikolu 6, u l-kondizzjonijiet speċifiċi rilevanti stipulati fl-Artikoli 7, 9 u 10;

(c) għall-istudenti, meta l-limiti ta’ żmien imposti fuq l-aċċess għall-attivitajiet ekonomiċi skont l-Artikolu 23 ma jiġux irrispettati, jew meta l-istudent ma jagħmilx progress aċċettabbli fl-istudju rilevanti skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-prattika amministrattiva.

2. L-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw li jġeddu awtorizzazzjoni għal raġunijiet ta’ ordni pubbliku, sigurtà pubblika u saħħa pubblika.

🡣 2005/71/KE (adattat)

KAPITOLU V

DRITTIJIET ~~TAR-RIĊERKATURI~~

Artikolu ~~12~~ 21

Trattament ugwali

⇩ ġdid

1. B'deroga mill-Artikolu 12(2)(b) tad-Direttiva 2011/98/UE, riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz ikunu intitolati għal trattament indaqs bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti rigward il-fergħat tas-sigurtà soċjali, li jinkludu l-benefiċċji tal-familja, kif definiti fir-Regolament Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

2. Tfal tal-iskola, voluntiera, apprentisti mhux imħallsin u au-pairs, irrispettivament jekk għandhomx permess jaħdmu skont il-liġijiet tal-Unjoni jew dawk nazzjonali, huma intitolati għal trattament indaqs rigward l-aċċess għal oġġetti u servizzi kif ukoll rigward il-forniment ta' oġġetti u servizzi li jkunu disponibbli għall-pubbliku, minbarra l-proċeduri għall-ksib ta' akkommodazzjoni kif previst fil-liġi nazzjonali.

🡻 2005/71/KE (adattat)

Artikolu ~~11~~ 22

It-tagħlim ⌦ minn riċerkaturi ⌫

~~1.~~ Ir-riċerkaturi ammessi skont din id-Direttiva jistgħu jgħallmu skont il-leġiżlazzjoni nazzjonal.~~2~~. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu numru massimu ta' sigħat jew ta' ġranet għall-attività tat-tagħlim.

🡻 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

~~IL-KAPITOLU IV~~

~~TRATTAMENT TAĊ-ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI KKONĊERNATI~~

Artikolu ~~17~~ 23

Attivitajiet ekonomiċi minn studenti

1. L-istudenti, barra mill-ħin ta' studju tagħhom u suġġetti għar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-attività relevanti fl-Istat Membru ospitanti, huma ntitolati li jiġu mpjegati u jistgħu jkunu ntitolati jeżerċitaw attività ekonomika bħala persuni li jaħdmu għal rashom. Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti tista' tittieħed inkonsiderazzjoni.

2. Fejn jeħtieġ, l-Istati Membri jagħtu lill-istudenti u/jew lil dawk li jimpjegaw awtorizzazzjoni minn qabel skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

~~2~~3. Kull Stat Membru għandu jiddetermina l-akbar għadd ta' sigħat fil-ġimgħa jew ġranet jew xhur fis-sena permessi għal din l-attività ekonomika, li m'għandux ikunu inqas minn ~~10 sigħat~~ ⇨ 20 siegħa ⇦ fil-ġimgħa, jew l-ekwivalenti fi ġranet jew xhur fis-sena.

~~3. Aċċess għal attivitajiet ekonomiċi għall-ewwel sena ta' residenza jistgħu jiġu ristretti mill-Istat Membru li jospita.~~

4. Stati Membri jistgħu jesiġu li studenti jirrapportaw, minn qabel jew mod ieħor, li huma involuti f'attività ekonomika għand l-awtorità magħżula mill-Istat Membru kkonċernat. Min jimpjegahom jista' wkoll ikun obbligat li jirrapporta, minn qabel jew mod ieħor.

⇩ ġdid

Artikolu 24

Ir-riċerkaturi u l-istudenti fit-tfittix ta' impjieg u l-intraprenditorija

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, wara li jtemmu r-riċerka jew l-studju fl-Istat Membru, ikunu intitolati joqogħdu fit-territorju tal-Istat Membru għal perjodu ta' 12-il xahar sabiex ifittxu impjieg jew jiftħu negozju, jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u minn (c) sa (f) tal-Artikolu 6 jintlaħqu. F'perjodu ta' aktar minn 3 xhur u anqas minn 6 xhur, ċittadini ta' pajjiżi terzi jistgħu jintalbu jagħtu prova li għadhom qed ifittxu impjieg jew qegħdin fil-proċess li jiftħu negozju. Wara 6 xhur, jistgħu wkoll jitolbu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jagħtu prova li huma għandhom ċans serju li jiġu ingaġġati jew li jiftħu negozju.

Artikolu 25

Il-membri tal-familja tar-riċerkaturi

1. B'deroga mill-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2003/86/KE, ir-riunifikazzjoni tal-familja m'għandhiex tiddependi fuq id-detentur tal-awtorizzazzjoni li jibqa' għal finijiet tar-riċerka għax ikollu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti kif ukoll jkollu perjodu minimu ta'residenza.

2. B'deroga mill-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 4(1) u mill-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2003/86/KE, il-kundizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmijin f'dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu japplikaw biss wara li l-persuni kkonċernati jkunu ngħataw ir-riunifikazzjoni tal-familja.

3. B'deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 2003/86/KE, l-awtorizzazzjonijiet għall-membri tal-familja jingħataw, meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja, fi żmien 90 jum mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni, u fi żmien 60 jum mid-data tal-ewwel applikazzjoni għall-membri tal-familja ta' riċerkaturi biċ-ċittadinanza ta' pajjiżi terzi li huma koperti mill-programmi rilevanti tal-Unjoni inklużi l-miżuri ta' mobilità.

4. B'deroga mill-Artikolu 13(2) u (3) tad-Direttiva 2003/86/KE, it-tul tal-validità tal-awtorizzazzjoni ta' membri tal-familja għandu jkun l-istess bħat-tul tal-awtorizzazzjoni mogħtija lir-riċerkatur, sakemm il-perjodu ta' validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar jippermettu dan.

5. B'deroga mit-tieni sentenza tal-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2003/86/KE, l-Istati Membri m'għandhom japplikaw l-ebda limitu ta' żmien dwar l-aċċess għas-suq tax-xogħol.

KAPITOLU VI

IL-MOBILITÀ FL-ISTATI MEMBRI

🡻 2005/71/KE
⇨ ġdid

Artikolu ~~13~~ 26

⇨ Id-dritt tal- ⇦ ~~Il-~~mobilità minn Stat Membru għal ieħor ⇨ għar-riċerkaturi, l-istudenti u l-apprentisti mħallsin ⇦

1. Ċittadin ta' pajjiż terz li ġie ammess bħala riċerkatur skont din id-Direttiva għandu jitħalla jwettaq parti mir-riċerka tiegħu fi Stat Membru ieħor skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

~~2.~~ Jekk ir-riċerkatur jibqa' fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn ~~tliet~~ ⇨ sitt ⇦ xhur, ir-riċerka tista' tiġi mwettqa abbażi tal-ftehim ta' akkoljenza konkluż fl-ewwel Stat Membru, sakemm huwa jkollu riżorsi suffiċjenti fl-Istat Membru l-ieħor u ma jkunx ikkunsidrat bħala theddida għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-saħħa pubblika fit-tieni Stat Membru.

~~3.~~ Jekk ir-riċerkatur jibqa' fi Stat Membru ieħor għal aktar minn ~~tliet~~ ⇨ sitt ⇦ xhur, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu ftehim ta' akkoljenza ġdid biex titwettaq ir-riċerka f'dak l-Istat Membru. ⇨ Jekk l-Istati Membri jeħtieġ awtorizzazzjoni biex isseħħ il-mobilità, din l-awtorizzazzjoni tingħata skont il-garanziji proċedurali speċifikati fl-Artikolu 30. ⇦ ~~F'kull każ, il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 6 u 7 għandhom jintlaħqu mill-Istat Membru kkonċernat.~~ ~~5.~~ L-Istati Membri m'għandhomx jesiġu li r-riċerkaturi jitilqu mit-territorju sabiex jissottomettu applikazzjonijiet għal ~~applikazzjonijiet għall-viżi jew għall-permessi ta' residenza~~ ⇨ awtorizzazzjonijiet ⇦ .

~~4. Fejn il-liġi rilevanti tipprovdi għar-rekwiżit ta' viża jew ta' permess ta' residenza, għall-eżerċizzju tal-mobbiltà, tali viża jew permess għandhom jingħataw minnufih f'perjodu li ma jfixkilx il-prosegwiment tar-riċerka, waqt li jħalli lill-awtoritajiet kompetenti żmien biżżejjed sabiex jipproċessaw l-applikazzjonijiet.~~

⇩ ġdid

2. Għal perjodi li jaqbżu t-tliet xhur, iżda mhux is-sitt xhur, ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie ammess bħala student jew bħala apprentist mħallas skont din id-Direttiva jkun awtorizzat jwettaq parti mill-istudji/apprentistat tiegħu fi Stat Membru ieħor sakemm qabel ma jittrasferixxi ruħu f'dak l-Istat Membru, hu jkun issottometta li ġej lill-awtorità kompetenti tat-tieni Stat Membru:

(a) dokument validu tal-ivvjaġġar;

(b) prova ta' assigurazzjoni kontra l-mard għar-riskji kollha normalment koperti bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat;

(c) prova li hu jkun ġie aċċettat minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja jew entità ta' taħriġ ospitanti ;

(d) prova li matul il-permanenza tiegħu hu se jkollu riżorsi suffiċjenti biex ikopri s-sussistenza, l-istudju u l-vjaġġ tar-ritorn tiegħu.

3. Għall-mobilità ta' studenti u apprentisti mill-ewwel Stat Membru għat-tieni Stat Membru, l-awtoritajiet tat-tieni Stat Membru għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-ewwel Stat Membru dwar id-deċiżjoni tagħhom. Il-proċeduri ta' kooperazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 32 japplikaw.

4. Għal ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ġie ammess bħala student, it-trasferiment lejn it-tieni Stat Membru li jaqbeż is-sitt xhur jista' jingħata bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikati għall-mobilità għall-perjodu li jaqbeż it-tliet xhur iżda huwa anqas minn sitt xhur. Jekk l-Istati Membri jeħtieġu applikazzjoni ġdida sabiex jagħtu awtorizzazzjoni għall-mobilità għal perjodu li jaqbeż is-sitt xhur, awtorizzazzjonijiet bħal dawn għandhom jingħataw skont l-Artikolu 29.

5. L-Istati Membri m'għandhomx jirrikjedu li studenti jħallu t-territorju sabiex jitfgħu applikazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet ta' mobilità fl-Istati Membri.

Artikolu 27

Id-drittijiet tar-riċerkaturi u tal-istudenti koperti mill-programmi tal-Unjoni inklużi l-miżuri ta' mobilità

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew ammessi bħala riċerkaturi jew studenti skont din id-Direttiva u li huma koperti minn programmi tal-Unjoni li jinkludu l-miżuri ta' mobilità, awtorizzazzjoni li tkopri t-tul tal-permanenza tagħhom fl-Istati Membri kkonċernati meta:

(a) tkun magħrufa l-lista sħiħa tal-Istati Membri li r-riċerkatur jew l-istudent għandu l-ħsieb li jmur fihom qabel ma jidħol fl-ewwel Stat Membru;

(b) fil-każ tal-istudenti, l-applikant jista' jagħti prova li ġie aċċettat mill-istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rilevanti biex jagħmel il-kors ta' studju.

2. L-awtorizzazzjoni tinħareġ mill-ewwel Stat Membru ta' fejn ir-riċerkatur jew l-istudent jirrisjedi.

3. Meta l-lista sħiħa tal-Istati Membri ma tkunx magħrufa minn qabel id-dħul fl-ewwel Stat Membru:

(a) għar-riċerkaturi, il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 26 għal permanenzi fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' sitt xhur l-aktar, għandhom japplikaw;

(b) għall-istudenti, il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 26 għal permanenzi fi Stat Membru ieħor għal perjodu ta' sitt xhur l-aktar, għandhom japplikaw;

Artikolu 28

Residenza fit-tieni Stat Membru għall-membri tal-familja

1. Meta riċerkatur jiċċaqlaq għat-tieni Stat Membru skont l-Artikoli 26 u 27, u meta l-familja tkun diġà stabbilita fl-ewwel Stat Membru, il-membri tal-familja tiegħu jiġu awtorizzati jakkumpanjawh jew jingħaqdu miegħu.

2. Mhux aktar tard minn xahar wara d-dħul fit-territorju tat-tieni Stat Membru, il-membri tal-familja kkonċernati jew ir-riċerkatur, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandhom

jippreżentaw applikazzjoni għall-permess ta' residenza bħala membri tal-familja lill-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru.

F'każijiet fejn il-permess ta' residenza tal-membri tal-familja maħruġ mill-ewwel Stat Membru jiskadi matul il-proċedura jew ma jintitolax aktar lid-detentur biex jirrisjedi legalment fit-territorju tat-tieni Stat Membru, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuna biex tkompli tirrisjedi fit-territorju tagħhom, u jekk meħtieġ jinħareġ permess ta' residenza nazzjonali temporanju, jew awtorizzazzjoni ekwivalenti, li jippermettu lill-applikant ikompli jirrisjedi legalment fit-territorju tagħhom mar-riċerkaturr sakemm tkun ittieħdet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tat-tieni Stat Membru.

3. It-tieni Stat Membru jista' jeħtieġ li l-membri tal-familja konċernati jippreżentaw mal-applikazzjoni tagħhom għal permess tar-residenza:

(a) il-permess ta' residenza tagħhom fl-ewwel Stat Membru u dokument validu tal-ivvjaġġar jew il-kopji ċċertifikati tagħhom, kif ukoll viża, jekk meħtieġa;

(b) prova li jkunu rrisjedew bħala membri tal-familja tar-riċerkatur fl-ewwel Stat Membru;

(c) prova li għandhom assigurazzjoni kontra l-mard li tkopri r-riskji kollha fit-tieni Stat Membru, jew li r-riċerkatur għandu din l-assigurazzjoni għalihom.

4. It-tieni Stat Membru jista' jitlob li r-riċerkatur jagħti prova li d-detentur:

(a) għandu akkomodazzjoni li titqies normali għal familja komparabbli fl-istess reġjun u li tissodisfa l-istandards ġenerali ta' saħħa u sigurtà fl-Istat Membru kkonċernat;

(b) għandu riżorsi stabbli u regolari li huma suffiċjenti biex iżomm lilu nnifsu u l-membri tal-familja tiegħu, mingħajr ma jirrikorri għall-għajnuna soċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

L-Istati Membri għandhom jevalwaw dawn ir-riżorsi billi jirreferu għan-natura u r-regolarità tagħhom, u jistgħu jieħdu kont tal-livell tal-pagi minimi nazzjonali u tal-pensjonijiet kif ukoll tal-għadd tal-membri tal-familja.

↓ 2005/71/KE (adattat)

~~KAPITOLU V~~

~~PROĊEDURA U TRASPARENZA~~

~~*Artikolu 14*~~

~~Applikazzjonijiet għal ammissjoni~~

~~1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw jekk l-applikazzjonijiet għal permessi ta' residenza għandhomx jiġu magħmula mir-riċerkatur jew mill-organizzazzjoni ta' riċerka konċernata.~~

~~2. L-applikazzjoni għandha tiġi kkunsidrata u eżaminata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat ikun qiegħed jirrisjedi barra t-territorju ta' l-Istati Membri li fihom huwa jixtieq li jiġi ammess.~~

~~3. L-Istati Membri jistgħu jaċċettaw, skond il-liġi nazzjonali tagħhom, applikazzjoni ppreżentata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun diġà jinsab fit-territorju tagħhom.~~

~~4. L-Istat Membru konċernat għandu jagħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jippreżenta applikazzjoni u li jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-Artikoli 6 u 7 kull faċilità sabiex jikseb il-viżi meħtieġa.~~

~~Artikolu 15~~

~~Salvagwardji proċedurali~~

~~1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jadottaw deċiżjoni dwar l-applikazzjoni kompleta mill-iktar fis possibbli u, fejn ikun opportun, jipprovdu għal proċeduri aċċelerati.~~

~~2. Jekk l-informazzjoni provduta bħala appoġġ ta' l-applikazzjoni mhix adegwata, tista' tiġi sospiża l-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw l-applikant dwar kull informazzjoni ulterjuri li jkunu jeħtieġu.~~

~~3. Kull deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal permess ta' residenza għandha tiġi notifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat skond il-proċeduri ta' notifika skont il-liġi nazzjonali rilevanti. In-notifika għandha tispeċifika l-proċeduri possibli ta' rimedju disponibbli u l-limitu ta' żmien biex tittieħed l-azzjoni.~~

~~4. Fejn tiġi rifjutata applikazzjoni, jew fejn jiġi rtirat permess ta' residenza, maħruġ f'konformità ma' din id-Direttiva, il-persuna konċernata għandha l-jedd ta' rikors ta' impunjazzjoni legali quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru konċernat.~~

↓ 2004/114/KE (adattat)

KPITOLU ~~V~~ VII

PROĊEDURA U TRASPARENZA

Artikolu ~~18~~ 29

Garanziji ta' proċedura u trasparenza

~~1. Deċiżjoni dwar applikazzjoni biex jiġi akkwistat jew mġedded permess ta' residenza għandha tiġi adottata u l-applikant għandu jiġi notifikat biha f'perijodu li ma jfixkilx it-tkomplija ta' l-istudji rilevanti, waqt li jħalli lill-awtoritajiet kompetenti żmien biżżejjed biex jipproċessaw l-applikazzjoni.~~

⇩ ġdid

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiddeċiedu dwar l-applikazzjoni kollha għal awtorizzazzjoni u jinnotifikaw lill-applikant bil-miktub, skont il-proċeduri ta' notifika stabbiliti fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, mill-aktar fis possibbli u l-iktar tard fi żmien 60 jum mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni, u fi żmien 30 jum fil-każ ta' riċerkaturi u studenti biċ-ċittadinanza ta' pajjiż terz koperti minn programmi tal-Unjoni li jinkludu l-miżuri ta' mobilità.

🡻 2004/114/KE (adattat)
⇨ ġdid

2. Jekk l-informazzjoni pprovduta li tappoġġja l-applikazzjoni mhix adegwata, ~~l-ipproċessar tal-applikazzjoni jista' jiġi sospiż u~~ l-awtoritajiet kompetenti jinfurmaw lill-applikant bl-informazzjoni l-oħra li jeħtieġu ⇨ kif ukoll jindikaw data ta' skadenza raġonevoli li fiha trid titlesta l-applikazzjoni. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet ikunu rċevew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa ⇦ .

3. Kwalunkwe deċiżjoni li tirrifjuta applikazzjoni għal ~~permess ta' residenza~~ ⌦ awtorizzazzjoni ⌫ għandha tiġi nnotifikata liċ-ċittadin ta' pajjiż terz kkonċernat skond il-proċeduri ta' notifikazzjoni previsti fil-leġislazzjoni nazzjonali rilevanti. In-notifika tispeċifika l-proċeduri possibbli ta' rimedju disponibbli, ⌦ il-qorti jew l-awtorità nazzjonali li quddiemhom il-persuna kkonċernata tista' tressaq appell ⌫ u l-limitu ta' żmien sabiex tittieħed azzjoni.

4. Meta applikazzjoni tiġi rrifjutata, jew ~~permess ta' residenza,~~ ⌦ awtorizzazzzjoni maħruġa ⌫ ~~maħruġ~~ b'konformità ma' din id-Direttiva tiġi rtirata, il-persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tikkuntestaha legalment quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru kkonċernat.

~~Artikolu 19~~

~~Proċeduri mgħaġġlin għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza jew viżi lil studenti u studenti tal-iskola~~

~~Ftehim dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' ammissjoni mgħaġġla li tippermetti permessi ta' residenza jew viżi li jiġu maħruġa fl-isem taċ-ċittadin tal-pajjiż terz konċernat jistgħu jiġu konklużi bejn l-awtorità ta' Stat Membru bir-responsabbiltà għad-dħul u residenza ta' studenti jew studenti ta' l-iskola li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u stabbiliment ta' edukazzjoni għolja jew organizzazzjoni li topera skemi ta' skambju ta' studenti li ġiet rikonoxxuta għal dan l-għan mill-Istat Membru kkonċernat skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali u prattika amministrattiva tiegħu.~~

⇩ ġdid

Artikolu 30

Trasparenza u aċċess għall-informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' residenza għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi r-riżorsi minimi fix-xahar meħtieġa, id-drittijiet, id-dokumentazzjoni tal-provi kollha meħtieġa għal applikazzjoni u t-tariffi applikabbli. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet ta' riċerka approvati skont l-Artikolu 8.

➔ 2004/114/KE ⇨ ġdid

Artikolu ~~20~~ 31

Miżati

Stati Membri jistgħu jitolbu lill-applikanti jħallsu miżati għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet skond din id-Direttiva. ⇨ L-ammont ta' dawn it-tariffi m'għandux jipperikola l-kisba tal-objettivi tagħha. ⇦

➔ 2005/71/KE (adattat)

~~**KAPITOLU VI**~~

~~**DISPOSIZZJONIJIET FINALI**~~

~~*Artikolu 16*~~

~~**Rapporti**~~

~~Perjodikament, u l-ewwel darba mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u għandha tipproponi kwalunkwe emenda li tkun meħtieġa.~~

~~*Artikolu 17*~~

~~**Traspożizzjoni**~~

~~1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva sat-12 ta' Ottubru 2007.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għal tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.~~

~~2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.~~

~~*Artikolu 18*~~

~~**Dispożizzjoni tranżitorja**~~

~~Bħala deroga mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu III, l-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati joħorġu permessi skond din id-Direttiva fil-forma ta' permess ta' residenza għal perjodu sal-massimu ta' sentejn wara d-data msemmija fl-Artikolu 17(1).~~

~~*Artikolu 19*~~

~~**Żona ta' Vvjaġġar Komuni**~~

~~Xejn f'din id-Direttiva ma għandu jolqot il-jedd tal-Irlanda li żżomm l-arranġamenti relattivi għaż-Żona ta' Moviment Komuni msemmija fil-Protokoll, anness permezz +tat-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, dwar l-applikazzjoni ta' ċerti aspetti tal-Artikolu 14 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għar-Renju Unit u għall-Irlanda.~~

~~*Artikolu 20*~~

~~**Dħul fis-seħħ**~~

~~Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.~~

~~*Artikolu 21*~~

~~**Destinatarji**~~

~~Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.~~

↓ 2004/114/KE

KAPITOLU ~~VI~~ VIII

DISPOSIZZJONIJIET FINALI

⇩ ġdid

Artikolu 32

Punti ta' Kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jappuntaw punti ta' kuntatt li jkollhom ir-responsabbiltà li jilqgħu u jitrażmettu l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati l-Artikoli 26 u 27.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu kooperazzjoni xierqa fl-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 33

Statistika

Kull sena, u l-ewwel darba mhux aktar tard minn [ ] l-Istati Membri għandhom, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], jikkomunikaw lill-Kummissjoni statistika dwar il-volum ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew mogħtija awtorizzazzjoni. Barra minn hekk, u safejn possibbli, l-istatistika, għandha tikkomunika lill-Kummissjoni l-volum ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew imġedda jew irtirati l-awtorizzazzjonijiet tagħhom matul is-sena kalendarja preċedenti u tindika ċ-ċittadinanza tagħom. L-istatistika dwar il-membri tal-familja tar-riċerkaturi ammessi tiġi kkomunikata bl-istess mod.

[31] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

L-istatistika li jirreferi għaliha paragrafu 1 tirrigwarda l-perjodi ta' referenza ta' sena kalendarja u għandha tingħata lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mit-tmiem tas-sena ta' referenza. L-ewwel sena ta' referenza hija [….].

↓ 2004/114/KE (adattat) ⇨ ġdid

Artikolu ~~21~~ 34

Rappurtar

Perjodikament, u għall-ewwel darba sa ⌦ [ħames snin wara d-data ta' traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] ⌫ ~~12 ta'Jannar 2010~~, il-Kummissjoni ⇨ tevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u ⇦ tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fl-Istati Membri u tipproponi emendi jekk ikun xieraq.

~~*Artikolu 22*~~

~~Traspożizzjoni~~

~~Stati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sad-12 ta' Jannar 2007.Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.~~

~~Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għal tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.~~

~~*Artikolu 23*~~

~~**Dispożizzjoni tranżitorja**~~

~~Permezz ta' deroga mid-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu III u għal perijodu sa sentejn wara d-data mniżżla fl-Artikolu 22, l-Istati Membri m' humiex obbligati joħorġu permessi skond din id-Direttiva fil-forma ta' permess ta' residenza.~~

~~*Artikolu 24*~~

~~**Limiti ta' żmien**~~

~~Mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva2003/109/KE l-Istati Membri m' għandhomx ikunu obbligati jqisu ż-żmien li fih l-istudent, l-istudent ta' l-iskola li qiegħed fil-program ta' skambju, il-persuna li kienet qed titħarreġ mingħajr ħlas jew il-voluntier irrisjeda bħala tali fit-territorju tagħhom bil-għan li jagħtu iktar drittijiet taħt il-liġi nazzjonali liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi konċernati.~~

~~*Artikolu 25*~~

~~**Dħul fis-seħħ**~~

~~Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.~~

↓

Artikolu 35

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard minn [sentejn wara d-dħul fis-seħħ]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Huma għandhom ukoll jinkludu stqarrija li r-referenzi fil-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti dwar dawn id-direttivi mħassra minn din id-Direttiva għandhom ikunu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza u kif għandha titfassal it-tali dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 36

Revoka

Id-Direttivi 2005/71/KE u 2004/114/KE jitħassru b'effett minn [*il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 35(1) ta' din id-Direttiva*], bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward tal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fl-Anness I, Parti B.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassrin għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 37

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

↓ 2004/114/KE (adattat)

Artikolu ~~26~~ 38

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri skont ~~it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ it-Trattati ⌫ .

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

↑

ANNESS I

Parti A

Id-Direttiva mħassra u l-lista tal-emendi suċċessvi
(msemmijin fl-Artikolu 37)

Id-Direttiva 2004/114KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 375, 23.12.2004, p. 12)
Direttive 2005/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 289, 03.11.2005, p. 15)

Parti B

Lista ta' skadenzi għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali [u l-applikazzjoni]
(msemmijin fl-Artikolu 36)

Id-Direttiva.	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Id-data tal-applikazzjoni
2004/114/KE	12.01.2007	
2005/71/KE	12.10.2007	

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Id-Direttiva 2004/114/KE	Id-Direttiva 2005/71/KEE	Din id-Direttiva
Artikolu 1 (a)		Artikolu 1 (a)
Artikolu 1 (b)		-
-		l-Artikolu 1(b) u (c)
Artikolu 2, il-frażi ta' introduzzjoni		Artikolu 3, il-frażi ta' introduzzjoni
Artikolu 2 (a)		Artikolu 3 (a)
Artikolu 2 (b)		Artikolu 3 (c)
Artikolu 2 (c)		Artikolu 3 (d)
Artikolu 2 (d)		Artikolu 3 (e)
-		Artikolu 3(f) u (g)
Artikolu 2 (e)		Artikolu 3(l)
Artikolu 2(f)		Artikolu 3(h)
Artikolu 2 (g)		-
-		Artikolu 3(i)
-		Artikolu 3 (m) sa (s)
Artikolu 3(1)		Artikolu 2(1)
Artikolu 3(2)		Artikolu 2(2)(a) sa (e)
-		Artikolu 2 (2) (d) u (e)
Artikolu 4		Artikolu 4
Artikolu 5		Artikolu 5(1)
-		Artikolu 5(2)
Artikolu 6(1)		Artikolu 6 (a) sa (e)
-		Artikolu 6(f)

Artikolu 6(2)		-
-		Artikolu 7
Artikolu 7(1) formulazzjoni introduttorja		Artikolu 10(1) formulazzjoni introduttorja
Artikolu 7(1)(a)		Artikolu 10(1)(a)
Artikolu 7(1)(b) u (ċ)		-
Artikolu 7 (1) (d)		Artikolu 10 (1) (b)
Artikolu 7(2)		Artikolu 10(2)
-		Artikolu 10(3)
Artikolu 8		-
-		Artikolu 11
Artikolu 9 (1) u (2)		Artikolu 12 (1) u (2)
Artikolu 10, il-frażi ta' introduzzjoni		Artikolu 13(1) formulazzjoni introduttorja
Artikolu 10 (a)		Artikolu 13(1)(a)
l-Artikolu 10(b) u (c)		-
-		Artikolu 12 (1) (b)
-		Artikolu 12(2)
Artikolu 11, il-frażi ta' introduzzjoni		Artikolu 14(1) formulazzjoni introduttorja
Artikolu 11 (a)		-
Artikolu 11 (b)		Artikolu 13(1)(a)
Artikolu 11 (c)		Artikolu 13 (1) (b)
Artikolu 11 (d)		Artikolu 13(1) (c)
Artikoli 12 sa 15		-
-		Artikoli 14, 15 u 16
Artikolu 16(1)		Artikolu 20(1) formulazzjoni introduttorja

-		Artikolu 20 (1) (a) sa (c)
Artikolu 16(2)		Artikolu 20(2)
-		Artikolu 21
Artikolu 17(1) l-ewwel subparagrafu		Artikolu 23(1)
Artikolu 17(1) it-tieni subparagrafu		Artikolu 23(2)
Artikolu 17(2)		Artikolu 23(3)
Artikolu 17(3)		-
Artikolu 17(4)		Artikolu 23(4)
-		Artikoli 15, 24, 25, 27
-		Artikolu 17
Artikolu 18(1)		-
-		Artikolu 29(1)
Artikolu 18(2), (3) u (4)		Artikolu 29(2), (3) u (4)
Artikolu 19		-
-		Artikolu 30
Artikolu 20		Artikolu 31
-		Artikoli 32 u 33
Artikolu 21		Artikolu 34
Artikoli 22 sa 25		-
-		Artikoli 35, 36 u 37
Artikolu 26		Artikolu 38
-		Annessi I u II
	Artikolu 1	-
	Artikolu 2, il-frażi ta' introduzzjoni	-
	Artikolu 2 (a)	Artikolu 3 (a)

	Artikolu 2 (b)	Artikolu 3(i)
	Artikolu 2 (c)	Artikolu 3(k)
	Artikolu 2 (d)	Artikolu 3 (b)
	Artikolu 2 (e)	-
	Artikoli 3 u 4	-
	Artikolu 5	Artikolu 8
	Artikolu 6(1)	Artikolu 9(1)
	-	Artikolu 9(1) (a) sa (f)
	Artikolu 6(2)(a)	Artikolu 9(2)(a)
	Artikolu 6(2)(a), (b) u (c)	-
	Artikolu 6(3), (4) u (5)	Artikolu 9(3), (4) u (5)
	Artikolu 7	-
	Artikolu 8	Artikolu 16(1)
	Artikolu 9	-
	Artikolu 10(1)	Artikolu 19(2)(a)
	-	Artikolu 19 (2) (b)
	Artikolu 10(2)	-
	Artikolu 11 (1) u (2)	Artikolu 22
	Artikolu 12, il-frażi ta' introduzzjoni	-
	Artikolu 12 (a)	-
	Artikolu 12 (b)	-
	Artikolu 12 (c)	Artikolu 21(1)
	Artikolu 12 (d)	-
	Artikolu 12 (e)	-
	-	Artikolu 21(2)
	Artikolu 13(1)	Artikolu 26(1)

	Artikolu 13(2)	Artikolu 26(1)
	Artikolu 13 (3) u (5)	Artikolu 26(1)
	Artikolu 13(4)	-
	-	Artikolu 26(2), (3) u (4)
	Artikoli 14 sa 21	-